32000R0969

5.1.2001 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 112/4

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 969/2000
tat-8 ta' Mejju 2000
li jimponi dazju kontra bejgħ taħt il-prezz fuq importazzjoni tal-kloridju tal-potassa li joriġina fil-Belarus, fir-Russja u fl-Ukrajna

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkonsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkonsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra bejgħ taħt il-prezz minn pajjiżi terzi li mhux Membri tal-Komunità Ewropea [1] u partikolarment l-Artikolu 9 u 11 tiegħu,

Wara li kkonsidra l-proposta mogħtija mill-Kummissjoni wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

1. **INVESTIGAZZJONIJIET PREĊEDENTI**

(1) Bir-Regolamenti (KEE) Nru 3068/92 [2], il-Kunsill impona dazji kontra bejgħ taħt il-prezz ta' kloridju tal-potassa (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "potaxx" jew il-"prodotti konċernat") li joriġina fil-Belarus, ir-Russja u l-Ukrajna (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa il-"pajjiżi konċernati"). Id-dazji kienu ugwali mad-differenza bejn l-anqas prezz stabbilit u l-prezzijiet netti qabel ma jiġu rilaxxati ħielsa fil-Komunità-fuq il-fruntiera.

(2) Bir-Regolament (KE) Nru 643/94 [3], il-Kunsill emenda d-dazji msemmija aktar qabel. Miżuri konġunti f'forma ta' ammont stabbilit kull tunnellata ta' potaxx jew id-differenza bejn l-anqas prezz stabbilit u l-prezz nett qabel ma jiġi rilaxxat ħieles fil-Komunità-fuq il-fruntiera kull tunnellata metrika, skond liema kien l-ogħla, fejn kien impost. Dan it-tip ta' miżura nstab li kien meħtieġ minħabba li kienu qed jevadu d-dazji oriġinali. Wieħed għandu jgħid ukoll li l-evalwazzjni mwettqa fl-1994 kopriet sew bejgħ taħt il-press u ħsara, kif ukoll l-interess tal-Komunità.

(3) Bir-Regolament (KE) Nru 449/98 [4], il-Kunsill reġa' emenda d-dazji msemmija aktar qabel. Din l-evalwazzjoni bdiet wara talba mill-Kumpannija Internazzjoni tal-Potaxx (ICP), esportatur tal-potaxx Russu u Belarussu, li affermat, fost kwistjonijiet oħra, li l-adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja kellha r-riżultat li bidlet iċ-ċirkustanzi li fuq il-bażi tagħha kienu stabbiliti l-miżuri fis-seħħ. Il-forma tal-miżuri konġunti komplewha iżda l-livell tal-miżuri kien adattat skond dak li nstab minn dik l-investigazzjoni. Għandu jingħad ukoll li l-evalwazzjoni konkluża fl-1998 kienet limitata biex jiġi eżaminat il-bejgħ taħt il-prezz u l-interess tal-Komunità.

2. **INESTIGAZZJONI PREŻENTI**

(4) Wara l-pubblikazzjoni ta' avviż dwar l-iskadenza fil-qrib tal-miżuri kontra l-bejgħ taħt il-prezz fis-seħħ fuq importazzjoni ta' potaxx li joriġina fil-pajjiżi konċernati [5], il-Kummissjoni rċeviet talba biex tevalwa dawn il-miżuri skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 384/96, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa ir-"Regolament bażiku".

(5) It-talba kienet ippreżentata fit-23 ta' Diċembru 1998 mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Produtturi tal-Potaxx (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa ("l-applikant") f'isem il-produtturi, li l-produzzjoni tagħhom flimkien tal-potaxx tikkostitwixxi madwar 99 % tal-produzzjoni tal-Komunità ta' dan il-prodott, jiġifieri proporzjon maġġuri tal-produzzjoni totali tal-Komunità skond l-Artikoli 4(1) u 5(4) tar-Regolament bażiku.

(6) It-talba kienet ibbażata fuq l-argument li l-iskadenza tal-miżuri kienet tirriżulta f'kontinwazzjoni jew rikorrenza tal-bejgħ taħt il-prezz jew ħsara. Fil-fatt, l-applikant allega li l-potaxx mill-pajjiżi konċernati kien għadu jinbiegħ taħt il-prezz għall-ipproċessar intern, sistema li ttaffi soġġetta għall-miżuri kontra bejgħ taħt il-prezz fil-Komunità. Bl-istess mod, l-applikant afferma li, fl-isfond ta' l-ammont li fil-passat inbiegħ taħt il-prezz u l-fatt li l-esportaturi relevanti kienu għadhom ibiegħu l-prodott konċernat bi prezzijiet baxxi ħafna f'pajjiżi ġirien tal-Komunità, kien aktar faċli li jerġa' jkun hemm bejgħ taħt il-prezz kieku l-miżuri kontra l-bejgħ taħt il-prezz jitneħħew. Dan l-argument kien imsaħħaħ bix-xhieda ppreżentata li wriet li l-konsum lokali kien waqa' drastikament fil-pajjiżi konċernati waqt li l-produzzjoni kien żdiedet b'mod sinifikanti, hekk li ħalliet lill-esportaturi bi prodott żejjed li rriskja li jinbiegħ taħt il-prezz fis-suq tal-Komunità. Finalment, l-applikant ressaq l-argument li jekk jerġa' jseħħ bejgħ taħt il-prezz iwassal biex jaqgħu l-prezzijiet u inevitabilment jikkawżaw ħsara lill-industrija tal-Komunità li s-sitwazzjoni tal-profitt tagħha kienet għadha kemm xejn prekarja.

(7) Fl-isfond tal-forma speċifika ta' dazji kontra li jinfaqa' s-suq imposti fuq importazzjoni ta' kloridju ta' potassa mill-pajjiżi konċernati, jiġifieri ż-żieda tal-prezz minimu mad-dazju stabbilit, il-Kummissjoni ddeċidiet ukoll, fuq l-inizjattiva tagħha, li tagħti bidu għal evalwazzjoni temporanja, skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, limitata għall-forma tal-miżuri.

---

[1] ĠU L 56, tas-6.3.1996, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 905/98 (ĠU L 128, tat-30.4.1998, p. 18).
[2] ĠU L 308, ta' l-24.10.1992, p. 41.
[3] ĠU C 80, 24.03.94, p. 1.
[4] ĠU L 58, tas-27.2.1998, p. 15.
[5] ĠU C 296, 24.09.98, p. 3.

(8) Wara li stabbiliet, wara li ħadet il-parir tal-Kumitat Konsultattiv, li kien hemm xhieda biżżejjed, il-Kummissjoni tat bidu għal evalwazzjoni ta' skademza u evalwazzjoni temporanja (limitata għall-forma tad-dazju) permezz tal-pubblikazzjoni ta' avviż (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "avviż ta' bidu") [1] skond l-Artikoli 11(2) u 11(3) tar-Regolament bażiku.

2.1. PERJODU TA' INVESTIGAZZJONI

(9) L-investigazzjoni fuq il-kontinwazzjoni jew ripetizzjoni ta' bejgħ taħt il-prezz kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 1998 (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ l-"IP" jew "perjodu ta' investigazzjoni"). L-eżami ta' kontinwazzjoni jew ripetizzjoni ta' ħsara kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 1994 sa tmiem il-IP (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ il-"perjodu kkonsidrat"). Għall-finijiet ta' l-eżami ta' ripetizzjoni ta' ħsara, il-previżjonijiet għas-snin 1999 u 2000 ġew ukoll ikkonsidrati.

2.2. PARTIJIET KONĊERNATI MILL-INVESTIGAZZJONI

(10) Il-produtturi applikanti mill-Komunità, l-esportaturi u produtturi fil-pajjiżi li jesportaw u l-importaturi/utenti kif ukoll l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom magħrufa li jkunu konċernati u r-rappreżentanti tal-pajjiżi esportaturi ngħataw uffiċjalment il-parir biex jibdew l-evalwazzjoni. Il-kwestjonarji ntbagħtu lil dawn il-partijiet kollha u lil dawk li avżaw il-preżenza tagħhom fil-limitu ta' żmien stabbilit fl-avviż tal-bidu. B'żieda ma' dan, il-produtturi fil-Kanada, li ntgħażlet bħala pajjiż simili, ġew ikkuntattjati u rċivew kwestjonarji. Il-partijiet direttament konċernati wkoll ingħataw l-opportunità li juru l-fehma tagħhom bil-miktub u biex jitolbu seduta.

(11) Il-produtturi kollha applikanti mill-Komunità wieġbu l-kwestjonarju. Produtturi fil-Belarus u r-Russja, jiġifieri, Production Amalgamation "Belaruskali" (Soligorsk, ir-reġjun ta' Minsk, Belarus), JSC "Silvinit" (Solikamsk, ir-reġjun ta' Perm, ir-Russja) u JSC "Uralkali" (Berezniki, ir-reġjun ta' Perm, ir-Russja) ikkoperaw ma' l-investigazzjoni permezz ta' l-esportatur komuni tagħhom ICP (Moska, ir-Russja). Ferchimex (Antwerp, il-Belġju) u Belarus (Vjenna, l-Awstrija), importaturi relatati tal-ICP, wieġbu wkoll. Ma kien hemm l-ebda koperazzjoni mill-ebda produttur li jesporta mill-Ukrajna.

(12) Seba' importaturi li ma kinux relatati wieġbu l-kwestjonarju u wrew il-fehmiet tagħhom bil-miktub. L-importaturi tal-potaxx huma fil-maġġor parti tal-każi utenti tal-prodott. Ma nkisbet l-ebda tweġiba mill-utenti li ma jimpurtawx il-prodott.

(13) L-informazzjoni kollha meqjusa meħtieġa biex tistabbilixxi jekk hemmx possibiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' bejgħ bit-telf jew ħsara u jekk l-imposizzjoni kontinwa tal-miżuri fl-interess tal-Komunità kienet mitluba u verifikata. L-investigazzjonijiet twettqu fuq il-post tal-kumpanniji li ġejjin:

(a) *Produtturi applikanti mill-Komunità:*

Cleveland Potash Limited, Saltburn, ir-Renju Unit,

Comercial de Potasas, SA [2], Madrid, Spanja,

Kali and Salz GmbH, Kassel, il-Ġermanja,

Société commerciale des potasses et de l'azote SA [3], Mulhouse, Franza, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "SCPA";

(b) *Produtturi f'pajjiż simili:*

Agrium Inc., Calgary,

IMC Global Inc., Regina,

Potash Corporation of Saskatchewan (PCS), Saskatoon;

(ċ) *Importaturi li mgħandhomx x'jaqsmu fil-Komunità:*

Fertiberia SA, Madrid, Spanja (ukoll utent tal-potaxx).

3. **PRODOTT KONĊERNAT U PRODOTT SIMILI**

3.1. DESKRIZZJONI TAL-PRODOTT KONĊERNAT

(14) Il-prodott konċernat huwa kloridju tal-potassa (potaxx, KCl) u jkun ġeneralment użat bħala fertilizzant agrikolu, direttament, imħallat ma' fertilizzanti oħra jew wara trasformazzjoni f'fertilizzant komplikat magħruf bħala NPK (nitroġenu, fosfru, potassa). Il-kontenut tal-potassa jvarja u jintwera bħala perċentwal tal-piż ta' ossidju tal-potassa (K_2O) fuq prodotti niexfa mingħajr ilma.

(15) Il-potaxx ġeneralment jinbiegħ jew f'forma normali/ta' trab (potaxx normali) jew f'forma "barra minn dik normali" li tinkludi iżda li mhix limitata għal forma ta' granulat (potaxx granulat). Il-prodott ġeneralment ikun ikklassifikat fi tliet kategoriji bażiċi, ibbażati fuq il-kontenut ta' K_2O) jiġifieri:

— kontenut ta' potassa li ma jeċċedix 40 % ta' K_2O – li jaqa' taħt il-Kodiċi NM 3104 20 10,

— kontenut ta' potassa li jeċċedi 40 % K_2O iżda anqas minn jew ugwali għal 62 % - skond il-kodiċi NM 3104 20 50,

— kontenut ta' potassa li jeċċedi 62 % ta' K_2O - skond il-Kodiċi NM 3104 20 90 2010,

(16) La darba l-miżuri kontra bejgħ taħt il-prezz li jkunu fisseħħ jikkonsistu wkoll f'dazju li jvarja, ir-Regolament li qed evalwat sspeċifikat livelli differenti ta' dazji kontra l-bejgħ taħt il-prezz għall-potaxx normali, minn banda, u l-bqija tl-forom inkluż potaxx granulat, mill-banda l-oħra.

[1] ĠU C 80, 23.03.99, p. 9.

[2] Negozjant sussidjarju u esklussiv tal-produzzjoni ta' żewġ minjieri Spanjoli: Suria K, SA (sa April 1997) u Potasas de Llobregat, SA.

[3] Negozjant sussidjarju u esklussiv tal-produzzjoni ta' "Mines de potasse d'Alsace".

(17) Wieħed għandu jiftakar illi fl-aħħar investigazzjoni ta' l-evalwazzjoni, instab li importazzjoni ta' ċerti misturi jew taħlitiet ma' kontenut għoli ta' potaxx aktar min-normal, li mhumiex skond il-Kodiċi NM għal potaxx indikati aktar qabel, għandhom jiġu kkonsidrati bħala prodott konċernat. Waslu għal din il-konklużjoni għaliex dawn il-misturi jew taħlitiet kellhom komuni l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi bażiċI u għandhom l-istess użu bħal kategoriji bażiċi msemmija aktar qabel. Billi l-investigazzjoni preżenti ma wriet l-ebda kunsiderazzjoni li tindika li l-atitudni meħuda ma kellhiex titkompla, u sabiex jiżguraw applikazzjoni konsistenti tal-miżuri kontra l-bejgħ taħt il-prezz, kif ukoll biex jevitaw klassifikazzjoni żbaljata, ġie kkonsidrat meħtieġ, f'dan ir-Regolament, li jiċċaraw il-kontenut minimu ta' K_2O ta' dawn il-misturi u taħlitiet li jkun ta' 35 % jew aktar, bil-piż, tal-prodott niexef mingħajr ilma u li jkun skond il-forma "mhux skond in-normal" ta' potaxx.

3.2. PRODOTT SIMILI

(18) Bħal f'investigazzjonijiet preċedenti, kien stabbilit li, la darba ma kienx hemm differenzi fil-karatteristiċi fiżiċi u kimiċi tat-tipi u kwalitajiet differenti ta' potaxx, potaxx magħmul fil-Kanada, li kienet intgħażlet bħala pajjiż analogu, (ara Kapitolu 4.2) u mibjugħ fis-suq ta' l-Amerika ta' Fuq, huwa prodott simili għal dak esportat lill-Komunità mill-pajjiżi konċernati, fis-sens ta' l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku. B'żieda ma' dan, potaxx esportat mill-pajjiżi konċernati u potaxx magħmul mill-produtturi tal-Komunità kienu wkoll prodotti simili.

(19) Il-ICP talbet l-esklużjoni ta' potaxx normali ma' kontenut ta' K_2O ogħla minn 62 %, li, kif ġie affermat, kien użat biss f'applikazzjonijiet farmaċewtiċi, kellhom prezijiet differenti u kien konsenjat ippakkjat (meta mqabbel kuntrarju għal konsenji fi kwantitajiet kbar ta' potaxx użat bħala fertilizzant). Madankollu, il-prodott fil-kwistjoni kellu l-istess karatteristiċi fiżiċi bażiċi u komposizzjoni kimika bażika bħal prodott konċernat. Il-fatt li l-kloridju tal-potassa huwa ġeneralment użat bħala fertilizzant ma jeskludix prodotti destinati biex jintużaw mill-industrija jew farmaċewtiċi ppakkjati b'mod differenti, mill-iskop tad-definizzjoni ta' prodott simili. Iddeċidew għalhekk illi dan it-tip ta' potaxx ikun prodott uniku wieħed mat-tipi l-oħra ta' potaxx.

4. **POSSIBBILTÀ TA' KONTINWAZZJONI JEW RIPETIZZJONITA' BEJGĦ TAĦT IL-PREZZ**

4.1. RIMARKI PRELIMINARI

(20) Skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, l-iskop ta' dan it-tip ta' reviżjoni huwa li jistabilixxi jekk l-iskadenza tal-miżuri twassalx jew le għal kontinwazzjoni jew ripetizzjoni ta' bejgħ taħt il-prezz li jġib il-ħsara.

(21) F'dan ir-rigward, kienu eżaminati l-volumi esportati lejn il-Komunità matul il-IP. Il-volum ta' importazzjoni mir-Russja rrappreżenta 4,2 % tal-konsum iżda kien il-biċċa l-kbira tiegħu importat skond is-sistema ta' proċessar intern. B'konformità mal-prattika konsistenti ta' l-istituzzjonijiet dawn l-importazzjonijiet għandhom jiġu kkonsidrati għall-finijiet biex jistabbilixu jekk ikunx qed isir bejgħ bit-telf u hekk il-volum ta' impotazzjoni Russa jiġi kkonsidrat biżżejjed biex jipprovdi previżjoni rappreżentattiva ta' jekk ikunx qed isir bejgħ bit-telf fil-preżent u jekk kull bejgħ bħal dan ikomplix jekk il-miżuri jitneħħew. Il-volum ta' importazzjonijiet mill-Belarus jista' jiġi kkonsidrat ukoll bħala rappreżentattiv hekk kif laħqu l-1,2 % tal-konsum mill-Komunità. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ikun meħtieġ li jeżamina jekk hemmx possibiltà li jkun hemm ripetizzjoni ta' bejgħ bit-telf minħabba importazzjonijiet li joriġinaw f'dawn iż-żewġ pajjiżi jekk il-miżuri jitneħħew. Rigward l-Ukrajna ma kienx hemm importazzjonijiet matul il-IP u għalhekk l-investigazzjoni ċċentrat fuq jekk kienx hemm possibiltà li jkun hemm ripetizzjoni ta' bejgħ taħt il-prezz minħabba importazzjonijiet li joriġinaw f'dawn iż-żewġ pajjiżi jekk il-miżuri jitneħħew.

4.2. PAJJIŻ ANALOGU

(22) Sabiex jistabbilixxi jekk bejgħ bit-telf ikomplix jew jerġax isir, valur normali kellu jkun ibbażat fuq informazzjoni miksuba minn pajjiż barrani b'ekonomija tas-suq skond l-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku. Fl-avviż tal-bidu, issuġġerew il-Kanada bħala pajjiż analogu xieraq.

(23) L-ebda parti ma oġġezzjonat għall-Kanada bħala pajjiż analogu. Sew il-ICP u l-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Importazzjoni ta' Fertilizzant (AEIF) qablu ma' l-għażla tal-Kanada bħala pajjiż analogu kemm-il darba jintażaw il-minjieri li qegħdin fil-provinċja ta' Saskatchewan aktar milli New Brunswick biex jiġi stabbilit il-valur normali. Il-ICP riedu wkoll il-minjiera ta' Patience Lake f'Saskatchewan eskluża biex jistabbilixxu l-valur normali.

(24) Iż-żewġ partijiet argumentaw li l-minjieri li għalihom intalbet esklużjoni jiddifferixxu f'termini ta' daqs, kondizzjonijiet ta' depożiti ġeoloġiċi u skavar ta' minjieri u metodi ta' produzzjoni minn dawk prevalenti fil-Belarus, ir-Russja u l-Ukrajna, li huma simili ħafna għall-minjieri f'Saskatchewan. B'żieda ma' dan, tqajjem l-argument li l-minjiera ta' New Brunswick tinsab ħafna eqreb għall-klijenti tagħha milli jinsabu l-portijiet għat-tagħbija użati għall-esportazzjoni ta' potaxx għall-Belarus u r-Russja, li jirrendi l-ispejjeż tat-trasport, b'mod partikolari, inkomparabbli.

(25) L-investigazzjoni kkonfermat li l-Kanada għandha tintuża bħala pajjiż analogu għaliex:

(a) il-Kanada kienet il-produttur u esportatur tal-potaxx mad-dinja kollha, aktar avvanzata mill-Belarus, ir-Russja u l-Ukrajna;

(b) is-suq intern ta' l-Amerika ta' Fuq għall-prodott konċernat kien soġġett għall-kondizzjonijiet normali tal-kompetizzjoni;

(ċ) il-proċess ta' manifattura u fakultà biex jiksbu l-materja prima kienu, il-biċċa l-kbira, simili fil-Kanada u fil-pajjiżi konċernati;

(d) il-Kanada intużat fl-investigazzjonijiet preċedenti.

(26) Rigward l-argumenti magħmula mill-ICP u l-(AEIF) rigward l-esklużjoni ta' ċerti minjieri jistgħu jsiru dawn il-punti li ġejjin:

(a) Billi l-potaxx huwa effettivament prodott u billi l-iffissar tal-valur normali huwa bbażat fuq prezzijiet prattikament mill-minjieri kollha li joperaw fis-suq miftuħ u kompetittiv ta' l-Amerika ta' Fuq, kull diferenza fil-kondizzjonijiet tal-minjieri jew kull fattur ieħor imsemmi, f'minjiera jew reġjun partikolari, ma jeffettwax fiżikament il-valur normali;

(b) Il-punt li tqajjem mill-ICP rigward id0-differenzi fid-distanzi bejn il-minjiera ta' New Brunswick u s-swieq tagħha fil-Kanada u l-minjieri Belorussi u Russi u l-portijiet 'il fejn jiġu esprotati mhuwiex relevanti billi l-valur normali u l-prezz ta' esportazzjoni jitqabblu, skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku, fl-istess livell, jiġifieri marra mill-minjiera. B'żieda ma' dan, il-minjiera ta' New Brunswick fil-kwistjoni tippreżenta biss proporzjon tal-bejgħ ikkonsidrat biex jiġi stabbilit il-valur normali hekk li effett ta' distanzi, jekk ikun hemm, jitnaqqas mil-volum tal-bejgħ totali kkonsidrat (ara l-premessi 36).

(27) Konsegwentement, il-kalkoli huma bbażati fuq it-tweġibiet tal-kwestjonarji kollha li jaslu mit-tliet kumpanniji Kanadiżi. Din id-data, rigward il-minjieri li jinsabu fi New Brunswick u Saskatchewan, kienu verifikati totalment fil-post tal-kumpanniji fil-Kanada.

4.3. IR-RUSSJA U BELARUS

(28) Waqt li jeżamina jekk hemmx possibilta li jkompli l-bejgħ taħt il-prezz mir-Russja u l-Belarus jekk jitneħħew il-miżuri huwa meħtieġ li jivverifika jekk bejgħ taħt il-prezz eżistiex matul il-IP u jekk kull bejgħ taħt il-prezz bħal dan hux possibbli li jkompli.

4.3.1. **Valur normali**

(29) Il-valur normali kien ikkalkolat fuq il-bażi tad-data tal-kumpanniji Kanadiżi kollha li kkoperaw. F'dan ir-rigward, il-bejgħ totali tal-potaxx tal-kumpanniji li kkoperaw fuq is-suq Kanadiż kienu kkonsidrati li kienu rappreżentattivi.

(30) Finalment kien eżaminat jekk il-bejgħ relevanti segħax jiġi kkonsidrat bħala li sar fil-kors normali tal-kummerċ billi jħarsu lejn il-proporzjon ta' bejgħ bil-qligħ tal-grad fil-kwistjoni.

(31) Ladarba l-volum ta' potaxx normali mibjugħ bil-prezz tal-bejgħ nett ugwali għal jew aktar mill-ispiża tal-produzzjoni (bejgħ bi qligħ) irrappreżenta aktar minn 80 % tal-volum tal-bejgħ totali ta' dak il-grad u la darba l-prezz medju miżun kien ogħla mill-ispiża medja miżuna tal-produzzjoni, il-valur normali kien ibbażat fuq il-prezz attwali tas-suq ta' l-Amerka ta' Fuq għar-Russja, ikkolkolat bħala medja miżuna tal-prezzijiet tal-bejgħ kollu magħmul minn kull kumpannija matul il-perjodu ta' investigazzjoni, ikun jew ma jkunx bi qligħ

4.3.2. **Prezz ta' l-esportazzjoni**

(32) Il-ICP kien l-uniku esportatur li kkopera ma' l-investigazzjoni. Il-volumi ta' esportazzjoni rrapportati prattikament jikkorrispondu mal-figuri tal-Eurostat, kumplimentati kif imfisser fil-punt 6.2.1. Għalhekk, sew għall-Belarus kif ukoll ir-Russja, il-prezzijiet ta' esportazzjoni kienu evalwati fuq il-bażi ta' l-informazzjoni fornuta mill-ICP.

(33) Il-ICP biegħ lis-suq tal-Komunità f'parti permezz ta' żewġ importaturi relatati, Ferchimex, ibbażata fil-Belġju u fil-Belarus. Ibbażata fl-Awstrija, u f'parti direttament lil klijenti indipendenti.

(34) Fil-każi kolha fejn saru l-esportazzjonijiet ta' potaxx lil klijenti indipendenti fil-Komunità, il-prezz ta' esportazzjoni kien stabbilit skond l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku, i.e. fuq il-bażi tal-prezzijiet ta' l-esportazzjoni attwalment imħallsa jew li jistgħu jitħallsu. F'każijiet fejn il-bejgħ ta' esportazzjoni kien sar lil parti relatata, il-prezz ta' l-esportazzjoni kien formulat skond l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku, jiġifieri fuq il-bażi tal-prezz li bih il-prodotti importati kienu l-ewwel jerġgħu jiġu mibjugħa lil xerrej indipendenti. F'dawn il-każi, aġġustamenti kienu saru għall-ispejjeż kollha li ntefqu bejn l-importzzjoni u l-bejgħ mill-ġdid u għal qligħ li ħareġ minnhom, sabiex jiġi stabbilit prezz ta' esportazzjoni affidabbli fil-livell tal-fruntiera tal-Komunità. Il-marġini ta' profit ta' 5 % applikat fl-investigazzjoni preċedenti kien, fl-assenza ta' kull informazzjoni oħra, ikkonsidrat bħala raġonevoli fiċ-ċirkustanzi tal-funzjonijiet imwettqa mill-importaturi relatati.

(35) Matul il-perjodu ta' investigazzjoni, prattikament il-potaxx kollu esportat lill-Komunità mill-ICP daħal fis-suq tal-Komunità fil-qafas tas-sistema ta' proċess ta' rilaxx intern (IPR), fejn ikkompeta ma' potaxx magħmul mill-industrija tal-Komunità.

4.3.3. **Paragun**

(36) Billi l-potaxx huwa prodott goff bi spejjeż ta' trasport li jirrapreżentaw proporzjoni kbira tal-prezz li jinbiegħ, u fl-isfond tad-distanza sinifikanti bejn il-minjieri tal-Belorus u tar-Russja u l-eqreb port jew fruntiera, kien stabbilit illi l-paraguni għandhom isiru fuq bażi ta' kif joħroġ mill-minjiera, bħall-investigazzjoni preċedenti.

(37) Bl-iskop li jiżgura paragun ġust bejn il-prezz normali u l-prezz ta' esportazzjoni, ġew ikkonsidrati, fil-forma ta' aġġustamenti, id-differenzi li jaffettwaw il-paraguni fil-prezzijiet, skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku.

(i) *Aġġustamenti fil-valur normali*

(38) Il-ICP għamlet għadd ta' kummenti rigward id-differenzi fil-kwalità u l-kondizzjonijiet tat-tħaffir fil-minjieri bejn il-Belarus u r-Russja u l-Komunità u l-Kanada. Madankollu, ma saru l-ebda affermazzjnijiet u l-ebda waġda mid-differenzi allegati ma kienet kwantifikata. B'żieda ma' dan, il-parti l-kbira ta' l-elementi msemmija kienu diġà ttrattati fl-ivestigazzjoni preċedenti, fejn ġie konkluż illi kull aġġustament għall-vantaġġi naturali komparattivi kienu jkunu ta' żvantaġġ għall-minjieri Belorussi u Russi. Billi ċ-ċirkustanzi essenzali ma tbiddlux materjalement mill-investigazzjoni preċedenti, u għar-raġunijiet imsemmija qabel, ma kienx hemm bżonn għall-aġġustamenti għal valur normali għad-differenzi fiżiċi jew vantaġġi naturali komparattivi. Ingħata fejn kien misthoqq aġġustament għad-differenzi fl-ispejjeż tal-kreditu.

(ii) *Aġġustamenti għall-prezz ta' l-esportazzjoni*

(39) Aġġustament għall-prezz ta' esportazzjoni kien sar għall-ispejjeż tat-trasport. Il-metodoloġija użata biex tistabbilixxi l-ammont ta' l-aġġustament kien l-istess bħall-investigazzjoni preċedenti, jiġifieri għat-trasport fil-Belarus u r-Russja ttieħdet data rigward spejjeż tat-trasport fil-Kanada, waqt li spejjeż tat-trasport mill-frntiera tal-pajjiż produttur għall-fruntiera tal-Komunità, fejn japplika, kienu stabiliti fuq bażi ta' l-ispejjeż rapportati mill-ICP.

(40) Il-ICP argumenta li l-ammonti għall-ispejjeż tat-trasport rraportati fit-tweġiba tagħha għall-kwestjonarju tnaqqsu b'mod żbaljat. Kien hemm xi kontradizzjoni bejn it-termini ta' konsenja u l-ispejjeż tat-trasport kif irrapportati mill-ICP. Madankollu, fl-assenza ta' kull prova fornuta mill-ICP, kien impossibbli li jaraw jekk it-termini tal-konsenja jew l-ispejjeż tat-trasport kinux irrapportati b'mod korrett. F'kull każ, ukoll jekk tittieħed l-aħjar atitudni favorevoli għall-ICP, din ma kinetx tbiddel dak li nstab rigward l-eżistenza ta' bejgħ taħt il-prezz. B'żieda ma' dan, wieħed għandu jiftakar li f'reviżjoni ta' skadenza mhuwiex meħtieġ li jiġI kkalkolat marġini preċiż ta' bejgħ bit-telf.

(41) Kien sar aġġustament ukoll għall-ispejjeż ta' kreditu fuq il-bażi ta' l-informazzjoni rrapportata mill-ICP.

4.3.4. **Marġini ta' bejgħ taħt il-prezz**

(42) Marġini ta' bejgħ taħt il-prezz kien stabbilit rispettivament għall-Belarus, ir-Russja u l-Ukrajna. Il-medja tal-valur normali kkonsidrat kien imqabbel mal-prezz medju ta' l-esportazzjoni kkonsidrat għall-Komunità.

(i) *Il-Belarus*

(43) Murija bħala perċentwal tal-prezz "cif-Komunità-fruntiera", xorta kien hemm bejgħ bit-telf sinifikanti rigward l-importazzjoni li toriġina mill-Belarus, għalkemm f'livell kemmxejn aktar baxx minn dak misjub fl-investigazzjoni preċedenti.

(ii) *ir-Russja*

(44) Murija bħala perċentwal tal-prezz "*cif*-Komunità-fruntiera", il-marġini ta' bejgħ bit-telf huwa b'mod sinifikanti ogħla minn dak misjub fl-investigazzjoni preċedenti.

4.3.5. **Konklużjoni**

(45) Rigward l-importazzjoni mill-Belarus u r-Russja, wieħed jista' għalhekk jikkonkludi illi kien hemm kontinwazzjoni sinifikanti ta' bejgħ taħt il-prezz. Ma nstabux raġunijiet għaliex bejgħ taħt il-prezz jieqaf jekk miżuri kontra dan il-bejgħ taħt il-prezz jitħassru.

4.4. L-UKRAJNA

(46) Bħall-investigazzjoni preċedenti, l-ebda koperazzjoni ma waslet mill-Ukrajna. Figuri tal-Eurostat ma wrew l-ebda importazzjoni minn dan il-pajjiż matul il-perjodu ta' investigazzjoni, għalkemm kien hemm importazzjoni fi snin preċedenti. Fuq din il-bażi, kien meħtieġ li jeżaminaw jekk bejgħ taħt il-prezz jerġax jitfaċċa jekk il-miżuri jkunu rtirati. Ma kien hemm l-ebda koperazzjoni mill-ebda produttur mill-Ukrajna. Għalhekk, u skond l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, dak li nstab kellu jkun ibbażat fuq il-fatti disponibbli. F'dan il-kuntest, wieħed għandu jinnota illi x-xhieda tissuġġerixxi illi l-minjieri tal-potaxx jit-haddmu fl-Ukrajna. Din ix-xiehda tissuġġrixxi li b'mod sinifikanti għandhom kapaċitajiet anqas minn dawk tar-Russja u l-Belarus. Madankollu, meta jitqabbel l-ammont ta' dawn il-minjieri ta' l-Ukrajna mal-konsum tal-Komunità l-potenzal għall-esportazzjoni xorta għadu importanti. Rigward il-livell ta' prezzijiet ta' importazzjoni li tista' ssir mill-Ukrajna, wieħed għandu jinnota illi ma hemmx nuqqas ta' provvista ta' potaxx fis-suq tal-Komunità. Hekk, jekk wieħed żdid jixtieq jidħol fis-suq tal-Komunità jista' jagħmel dan biss b'livelli ta' prezzijiet li jwaqqgħu lil dawk mitluba mill-operaturi li preżentement huma attivi f'dan is-suq, li tfisser li l-prezzijiet ikunu bit-telf. Ta' min jinnota wkoll li fil-passat importazzjonijiet mill-Ukrajna kienu bi prezzijiet simili għal dawk li kellhom ihallsu għalihom fir-Russja u l-Belarus.

4.4.1. **Konklużjoni**

(47) Fl-isfond ta' dan ta' qabel, u fl-assenza għal kull prova kontrarja, per eżempju informazzjoni fuq kif wieħed jutiliza l-ammont, volumi u prezzijiet għal esportazzjoni lil pajjiżi terzi oħra, ġie konkluż li hemm il-possibiltà ta' ripetizzjoni ta' importazzjonijiet li tinbiegħ taħt il-prezz li joriġinaw mill-Ukrajna jekk jiġu rtirati l-miżuri.

5. DEFINIZZJONI TA' L-INDUSTRIJA TAL-KOMUNITÀ

(48) L-investigazzjoni kkonfermat li l-produtturi tal-Komunità applikanti rrappreżentaw 99 % tal-produzzjoni mill-Komunità tal-potaxx u għalhekk jikkostitwixxu l-industrija tal-Komunità skond it-tifsira ta' l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku.

6. ANALIŻI TAS-SITWAZZJONI TA' L-INDUSTRIJA TAL-KOMUNITÀ U TAS-SUQ TAL-POTAXX TAL-KOMUNITÀ

(49) L-ewwelnett, wieħed għandu jinnota li d-data li tirrigwarda l-profitabilità u investimenti matul il-perjodu kkonsidrat kienu kkalkolati fuq il-bażi tad-data ta' tliet produtturi tal-Komunità: Cleveland Potash Limited, Comercial de Potasas, SA and Kali und Salz GmbH. Ir-raba' produttur mill-Komunità, SCPA, kien eskluż in parti minħabba l-kondizzjoni eċċezzjonali tas-sussidjarju tal-minjieri tiegħu "Mines de potasse d'Alsace". Il-minjiera se tkun magħluqa fi ftit snin oħra minħabba d-duħħan tal-ħażniet tal-potaxx, u mgħadhiex tinvesti aktar. Ukoll is-sistema tal-kontijiet tal-minjiera ġiet simplifikata hekk li mhux aktar possibbli li tikkalkola jew l-ispiża tal-produzzjoni jew il-profitabilità tal-potaxx bil-mod li jippermetti għall-ġbir tad-data mal-produtturi l-oħra fil-Komunità. Madankollu, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni disponibbli, kieku l-SCPA ġiet ikkonsidrata l-profitabilità fl-industrija fil-Komunità kienet tkun notevolment aktar baxxa u l-ivestimenti kienu juru tendenza aktar drastika 'l isfel.

(50) It-tieni, wieħed għandu jinnota illi matul is-snin l-aktar riċenti importazzjonijiet mill-pajjiżi konċeranti kienu kważi esklussivament taħt l-amministrazzjoni ta' l-IPR. B'konformità mal-prattika ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunità, ikkonsidraw illi dawn l-importazzjonijiet jikkompetu mal-prodott konċernat ta' l-industrija tal-Komunità billi dawn ikunu proċessati fil-Komunità minn manifatturi ta' fertilizzant li jixtru xi materja prima użata fil-produzzjoni ta' fertilizzanti kumplikati, li huma maħsuba wkoll għall-esportazzjoni, mill-industrija fil-Komunità. Dawn l-importazzjonijiet kienu għalhekk ikkonsidrati biex jistabbilixxu l-konsum fil-Komunità, ishma mis-suq tal-pajjiżi konċeranti u fl-analiżi tal-prezzijiet tal-potaxx mibjugħ mill-esportaturi konċernati.

6.1. KONSUM FIS-SUQ TAL-KOMUNITÀ

(51) Il-konsum totali tal-potaxx huwa kkalkolat fuq il-bażi tat-totali magħquda ta':

(a) il-volum ta' bejgħ ta' potaxx magħmul mill-industrija tal-Komunità nfisha mqiegħed fis-suq tal-Komunità;

(b) il-volum ta' bejgħ minn produtturi li mhumiex applikanti tal-Komunità mqiegħed fis-suq;

(ċ) importazzjonijiet fil-Komunità ta' potaxx mill-pajjiżi konċernati;

(d) importazzjonijiet fil-Komunità ta' potaxx mill-pajjiżi kollha oħra barranin.

(52) Fuq din il-bażi, il-konsum naqas minn madwar 7 460 000 tunnellata metrika fl-1994 sa madwar 7 290 000 tunnellata metrika fl-IP; jiġifieri tnaqqis ta' madwar 2,3 %. Madankollu, matul il-perjodu kkonsidrat il-livell ta' konsum varja kif jidher fit-tabella hawn taħt:

(f'elf tunnellata metrika)

	1994	1995	1996	1997	IP
Konsum mill-Komunità	7 460	7 340	7 090	7 600	7 290

Sors: Tweġibiet tal-kwestjonarju mill-industrija tal-Komunità, Eurostat, l-Uffiċċji ta' l-Istatistika Nazzjonali fil-Finlandja, id-Danimarka u l-Belġju.

6.2. IMPORTAZZJONIJIET MILL-PAJJIŻI KONĊERNATI

6.2.1. **Volum ta' importazzjoni**

(53) Il-volum ta' importazzjoni ta' potaxx li joriġina mir-Russja naqas minn 397 000 tunnellata metrika fl-1994 sa 305 000 tunnellata metrika matul il-IP, ekwivalenti għal tnaqqis ta' madwar 23 %. Il-volum ta' importazzjoni li joriġina mill-Belarus naqas minn 137 000 tunnellata metrika fl-1994 sa 91 000 tunnellata metrika matul il-IP, ekwivalenti għal tnaqqis ta' madwar 34 %. L-Ukrajna esportat biss matul is-snin 1994, 1995 u 1997, b'tendenza ta' tnaqqis qawwi. L-importazzjoni ġenerali mill-pajjiżi konċernati naqset b'madwar 32 % matul il-perjodu konċernat. It-tnaqqis, madankollu, ma kienx kostanti: importazzjonijiet totali mill-pajjiżi konċernati naqset sa l-1996, li laħqet punt baxx ta' 132 000 tunnellata metrika, li wara reġgħu bdew telgħin, jiżdiedu bi tliet darbiet sal-IP.

(54) L-investigazzjni wriet li l-volum ta' importazzjoniet kif irraportat mill-IPC huwa ogħla mid-data li hemm fl-Eurostat, billi uħud mill-Istati Membri li għandhom biss importatur wieħed ma rrapportawx id-data sħiħa għal raġunijiet ta' kunfidenzalità. Informazzjoni komplimentarja minn dawk l-Istati Membri intalbet u intlaqgħet. Fuq din il-bażi nstab li l-importazzjonijiet irrapportati mill-IPC mhumiex differenti b'mod sinifikanti mid-data sħiħa tal-Eurostat.

(f'elf tunnellata metrika)

Importazzjonijiet	1994	1995	1996	1997	IP
total ir-Russja total	397	175	122	190	305
Belarus total	137	113	11	51	91
L-Ukrajna	49	15	0	1	0
Total	583	303	132	243	396

Sors: Eurostat u Uffiċji Nazzjonali ta' l-Istatistika fil-Finlandja, id-Danimarka and Belġju.

It-tunnellaġġ importat skond is-sistema ta' l-IPR u l-perċentwal tagħhom ta' l-importazzjonijiet totali ta' potaxx tal-Komunità għal kull pajjiż kien:

(f'elf tunnellata metrika)

Importazzjonijiet	1994	1995	1996	1997	1998
Ir-Russja	61	159	115	178	284
% ta' importazzjonijiet	*15*	91	94	93	93
Il-Belarus	34	52	11	51	91
% ta' importazzjonijiet	*25*	46	100	100	100
L-Ukrajna	35	15	0	1	0
% ta' importazzjonijiet	72	100	*M/D*	100	*M/D*
Totali	131	226	126	230	375
% ta' importazzjonijiet	22	75	95	95	95

(55) It-tabelli ta' hawn fuq juru l-iżviluppi matul l-imposizzjoni tal-miżuri kontra l-bejgħ bit-telf. Filwaqt li s-sehem ta' importazzjonijiet skond is-sistema ta' l-IPR kien biss żgħir fl-1994, matul il-IP prattikament l-importazzjonijiet kollha saru skond is-sistema msemmija. Importazzjonijiet skond is-sistema ta' IPR huma kkontrollati mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri kif previst fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabilixxi l-Kodiċi tad-Dwana tal-Komunità [1]. L-ivestigazzjoni preżenti ma wriet l-ebda fatti li jissuġġerixxu li s-sistema setgħat intużat biex jiġu skansati l-miżuri. Wieħed għandujinnota wkoll li l-merkanzija importata skond din is-sistema ma taqgħax taħt id-dazji ta' kontra bejgħ bit-telf li qed tiġI riveduta, fattur li jispjega ż-żieda li qed isseħħ lejn it-tmiem tal-perjodu kkonsidrat.

6.2.2. **Is-sehem tas-swieq**

(56) Is-sehem tas-Suq ta' l-importazzjonijiet mill-pajjiżi konċernati fis-suq tal-Komunità naqas b'2,4 punti ta' perċentwal matul il-perjodu kkonsidrat. Madankollu, it-tnaqqis ma kienx konsistenti. Is-sehem tas-suq naqas mill-ogħla livell tiegħu ta' 7,8 % fl-1994 biex laħaq l-anqaslivell tiegħu fl-1996, i.e. 1,9 %. Wara l-1996 kien hemm tnaqqis konsistenti, sa 5,4 % fil-IP.

[1] ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) No 955/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 119, tas-7.5.1999, p. 1).

Sehem fis-suq ta' importazzjonijiet konċernati f'%	1994	1995	1996	1997	IP
Il-Belarus	1,8	1,5	0,2	0,7	1,2
Ir-Russja	5,3	2,4	1,7	2,5	4,2
L-Ukrajna	0,7	0,2	0	0	0
Total	7,8	4,1	1,9	3,2	5,4

Sors: Eurostat u Uffiċji Nazzjonali ta' l-Istatistika fil-Finlandja, id-Danimarka and Belġju.

6.2.3. **Evoluzzjoni tal-prezzijiet u l-imġiba tal-prezzijiet**

6.2.3.1. *Evoluzzjoni tal-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet konċernati*

(57) Rigward l-evoluzzjonijiet tal-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet soġġetti għal-investigazzjoni matul il-perjodu kkonsidrat, it-tendenzi kienu stabbiliti bl-użu tal-figuri tal-Eurostat kif stabbiliti fil-premessa 54.

Il-medja tal-prezzijiet tal-bejgħ *cif* mill-pajjiżi konċernati fis-suq tal-Komunità żviluppaw fid-dettall kif ġej:

(f'ECU/tunnellata metrika)

Medja tal-prezzijiet *cif* tal-potaxxb' 40 % < K_2O = 62 %	1994	1995	1996	1997	IP
Il-Belarus	67,5	86,5	88,3	94,1	100,1
Ir-Russja	83,1	71,7	74,4	79,4	85,8
L-Ukrajna	83,6	89,9	—	88,0	—
Medja	79,2	76,8	75,7	83,3	90,8

Sors: Eurostat u Uffiċji Nazzjonali ta' l-Istatistika fil-Finlandja, id-Danimarka and Belġju.

(f'ECU/tunnellata metrika)

Medja tal-prezzijiet *cif* ta' potaxx bil -K_2O > 62 %	1994	1995	1996	1997	IP
ir-Russja	—	89,9	93,8	96,7	101,5

Sors: Eurostat u Uffiċji Nazzjonali ta' l-Istatistika fil-Finlandja, id-Danimarka and Belġju.

(58) Iż-żieda medja fil-prezz tal-potaxx b' 40 % < K_2O < = 62 % mill-pajjiżi konċernati tammonta għal 14,6 % matul il-perjodu konċernat. Billi l-prezzijiet tal-Belarus żdiedu b'mod sinifikanti, li jeeċċedu l-prezz tal-potaxx ta' oriġini Russa, il-prezzijiet Russi baqgħu relattivament baxxi. Ma kienx importat potaxx li oriġina mill-Ukrajna fil-IP.

(59) Potaxx b'K_2O > 62 % kien importat biss mir-Russja. Il-prezz medju żdied bi 12,9 % mid-89,9 ECU/tunnellata metrika fl-1995 sa 101,5 ECU/tunnellata fil-IP.

6.2.3.2. *Imġiba tal-prezzijiet*

(60) Dazji kontra bejgħ taħt il-prezz ilhom fis-seħħ għal tliet snin. Matul dan iż-żmien ftit kienu l-importazzjonijiet li joriġinaw mill-pajjiżi konċernati li seħħew biex ikunu rilaxxati biex jiċċirkolaw b'mod ħieles. L-importazzjonijiet kienu l-biċċa l-kbira minnhom limitati għas-sistema ta' l-IPR. Ir-rappreżentanti ta' l-ICP affermaw li huma kellhom joffru l-prodott tagħhom bi prezzijiet anqas minn dawk ta' l-indusrija tal-Komunità minħabba n-natura nfisha tas-sistema ta' l-IPR. Dan l-argument kien studjat Iżda ma nstabet l-ebda prova ċara biex issostnih.

(61) Fl-ispezzjoni ta' l-imġiba tal-rezzijiet behaviour, il-prezzijiet dikjarati mill-esprotaturi għal kull bejgħ lill klijenti indipendenti u għal kull bejgħ mill-ġdid permezz ta' l-importatur relatat tagħhom kienu laħqu l-medja matul il-IP għaż-żewġ gradi prinċipali ta' potaxx skond l-oriġini tagħhom: Il-Belarus u r-Russja: Dawn il-prezzijiet kienu prezzijiet tal-fattura netta, dazju mhux imħallas u ekwivalenti għal prezzijiet konsenjati minħabba l-viċinanza tal-klijenti mal-portijiet tal-konsenja. Kienu mqabbla ma' medji kkonsidrati tal-prezzijiet dikjarati tl-produtturi mill-Komunità f'livell tal-Komunità għaż-żewġ gradi msemmija ta' potaxx.

(62) Hekk kien stabbilit li l-prezzijiet ta' l-ICP kienu aktar baxxi minn dawk ta' l-industrija tal-Komunità l-b'medja ta' aktar minn 10 %. Aktar speċifikament, il-prezzijiet tal-potaxx ta' oriġini Russa kiena aktar baxxi b'madwar 20 % u ta' oriġini Belorussa b'5 %.

6.3. SITWAZZJONI EKONOMIKA TA' L-INDUSTRIJA TAL-KOMUNITÀ

(63) Wieħed għandu jinnota li l-previżjonijiet mogħtija mill-industrija tal-Komunità għall-1999 u l-2000 kienu bbażati fuq is-supposizzjoni li l-miżuri jinżammu.

6.3.1. **Produzzjoni**

(64) Il-produzzjoni tal-potaxx fil-Komunità naqset matul il-perjodu kkonsidrat bl-eċċezzjoni ta' l-1996 meta seħħet żieda żgħira. Il-produzzjoni naqset minn madwar 7 779 000 tunnellata sa madwar 7 026 000 tunnellata għar-raġunijeit li ġejjin: (1) l-eżawriment gradwali tal-minerali fil-minjiera Franċiża; (2) l-għeluq ta' xi minjieri bla qligħ fil-Ġermanja u fi Spanja; u (3) anomaliji ġeografiċI fil-minjiera ta' produttur wieħed mill-Komunità fl-1997 u matul il-IP. Għall-1999 u l-2000, l-industrija tal-Komunità bassret żieda fil-produzzjoni li tilħaq il-livell ta' l-1997 fl-2000.

Figuri għall-produzzjoni ta' potaxx fil-Komunità kienu kif ġejjin:

(f'elf tunnellata metrika)

	1994	1995	1996	1997	IP
Produzzjoni	7 779	7 428	7 541	7 368	7 026

Sors: Tweġibiet tal-kwestjonarju ta' l-industrija tal-Komunità.

6.3.2. **Ammont tal-produzzjoni**

(65) L-ammont tal-produzzjoni li tiflaħ l-industrija tal-Komunità naqas minn madwar 10 000 000 tunnellatafl-1994 sa madwar 9 300 000 tunnellata fil-IP. Fl-1996 biss kien hemm żieda żgħira fl-ammont ta' kemm tiflaħ il-produzzjoni imqabbel mas-sena preċedenti. Fl-1999 u fl-2000 l-indusrija fil-Komunità hija mistennija li tnaqqas l-ammont tagħha aktar aktar sa livell ta' madwar 8 500 000 tunnellata fl-2000 minħabba l-eżawriment radwali tal-mineral fil-minjiera Franċiża.

Figuri għall-produzzjoni totali ta' potaxx kienu kif ġej:

(f'elf tunnellata metrika)

	1994	1995	1996	1997	IP
Ammont:	9 996	9 414	9 472	9 403	9 293

Sors: Tweġibiet tal-kwestjonarju ta' l-industrija tal-Komunità.

6.3.3. **Kemm ġie utilizzat l-ammont**

(66) L-utilizzazzjoni ta' l-ammont ta' l-industrija tal-Komunità żdiedet mill-1994 sa l-1996 iżda bdiet tonqos fl-1997, primarjament minħabba li l-produttur Franċiż ma kienx jista' aktar jipproduċi potaxx sa l-ogħla ammont ta' l-ipproċessar tal-minerali bil-magna bħala riżultat tar-riżorsi tal-minerali li qed jonqsu. Madankollu, għall-1999 u l-2000 l-industrija tal-Komunità tistenna li ttejjeb ir-rata ta' l-ammont li tutilizza sa livell ta' 36 % fis-sena 2000 flimkien mat-tħassir ta' l-ammont fi Franza.

Partikolarment, l-ammont ta' potaxx li tutilizza l-industrija fil-Komunità żviluppat kif ġej:

(%)

	1994	1995	1996	1997	IP
Kemm ġie utilizzat l-ammont	77,8	78,9	79,6	78,4	75,6

Sors: Tweġibiet tal-kwestjonarju ta' l-industrija tal-Komunità.

6.3.4. **Volum ta' bejgħ**

Il-volum tal-bejgħ ta' l-industrija mill-Komunità ta' potaxx magħmul minnha stess lil kliejenti mhux relatati minn madwar 5 530 000 tunnellata fl-1994 sa madwar 5 260 000 tunnellata matul lil-IP. Il-volum tal-bejgħ żdied konsiderevolment bejn l-1996 u l-1997, iżda reġa' naqas matul il-IP. Madankollu, sa tmiem l-2000 il-Komunità hija mistennija li tagħmel żieda fil-volum tal-bejgħ tagħha sal-livell ta' l-1997. Partikolarment, il-volum tal-bejgħ mill-industrija tal-Komunità mqiegħda fis-suq tal-Komunità żviluppa kif ġej:

(f'elf tunnellata metrika)

	1994	1995	1996	1997	IP
Tweġibiet tal-kwestjonarju ta' l-industrija tal-Komunità.	5 530	5 452	5 415	5 750	5 261

Sors: Tweġibiet tal-kwestjonarju ta' l-industrija tal-Komunità.

6.3.5. **Sehem mis-suq**

(67) Sehem is-suq ta' l-industrija tal-Komunità lnaqas minn 74,1 % fl-1994 sa 72,2 % fil-IP: tnaqqis ta' madwar 2 punti ta' perċentwal. Matul danil-perjodu s-sehem tagħha mis-suq żdied sa l-1996, li wara beda jonqos biex laħad il-livell tal-IP.

Speċifikament, sehem ta' l-industrija tal-Komunità mis-suq żviluppa kif ġej:

(%)

	1994	1995	1996	1997	IP
Sehem l-industrija tal-Komunità mis-suq	74,1	74,3	76,4	75,6	72,2

Sors: Tweġibiet tal-kwestjonarju mill-industrija tal-Komunità, Eurostat, l-Uffiċċji ta' l-Istatistika Nazzjonali fil-Finlandja, id-Danimarka u l-Belġju.

6.3.6. **Żvilupp tal-prezzijiet**

(68) L-investigazzjoni wriet li l-prezz medju ta' kemm jinbiegħ mill-porduttur tal-Komunità tal-grad ta' war li jinbiegħ il-potaxx normali (40 % < K_2O < = 62 %) għola minn 90,1 ECU/tunnellata fl-1994 sa 104,2 ECU/tunnellata metrika fil-IP. Danjammonta għal żieda ta' 15,6 %. Madankollu, il-prezzijiet tal-potaxx bil-K_2O > 62 % waqgħu minn 137,7 ECU/tunnellata metrika fil-1994 sa 122,0 ECU/tunnellata metrika fil-IP. Dan jammonta għal 11,4 %. It-tnaqqis fil-prezzijiet jikkoinċidi ma' żieda sinifikanti fil-volum ta' bejgħ għall-grad mill-industrija tal-Komunità matul il-perjodu kkonsidrat. Ordnijiet akbar ġabu ekonomiji ta' skala u għalhekk klijenti bbenefikaw minn medja aktar baxxa fil-prezzijiet.

(69) Waqt li kien hemm tendenza ġenerali 'l fuq fil-prezzijiet tal-bejgħ ta' potaxx normali bi 40 % < K_2O < = 62 % bejn l-1994 u l-IP, il-prezzijiet temporanjament waqgħu fl-1997 u mbagħad żdiedu b'7,9 % fil-IP. Għall-1999 u l-2000 l-industrija tal-Komunità temmen li t-tendenza pożittiva fil-bejgħ għall-potaxx b'40 % < K_2O < = 62 % se tkompli u li se jkun hemm tnaqqis żgħir fil-prezz għall-potaxx b'K_2O > 62 %.

Il-prezz medju tal-bejgħ ta' l-industrija tal-potaxx tal-Komunità fis-suq tal-Komunità żviluppa kif ġej:

(f `ECU/tunnellata metrika)

Medja tal-prezz tal-bejgħ	1994	1995	1996	1997	IP
Potaxx normali bi 40 % < K_2O = 62 %	90,1	96,8	101,6	96,6	104,2
Potaxx normali bi K_2O > 62 %	137,7	138,7	134,8	123,2	122,0

Sors: Tweġibiet tal-kwestjonarju ta' l-industrija tal-Komunità.

6.3.7. **Profittabilità**

(70) Għall-fini ta' l-analiżi ta' profitabbilità ta' l-industrija tal-Komunità u billi jaġixxu fuq prattika stabbilita, id-dħul mill-bejgħ ta' ċerti prodotti provenjenti mill-produzzjoni tal-potaxx kienu wkoll ikkonsidrati. Wieħed għandu jiftakar ukoll li l-produttur Franċiż, SCPA, kien eskluż mill-istima ta' l-investimenti fl-industrija tal-Komunità għar-raġunijiet stipulati fil-premessa 49.

(71) Il-profittabilità ta' l-industrija mill-Komunità, murija bħala perċentwal tal-bejgħ nett, żdiedet matul il-perjodu kkonsidrat mill-medja tal-telf ikkonsidrat ta' 1,0 % fl-1994 għal qligħ ta' 3,3 % fil-IP. Wieħed għandu jinnota illi l-profittabilità tjiebet kontinwament bl-eċċezzjoni ta' l-1997 meta l-profitt niżlu qrib iz-zero. Matul l-1999 u l-2000 il-livell ta' qligħ fl-industrija tal-Komunità huwa mistenni li jkompli ma jwassalx li jagħmel profit, li huwa kkonsidrat normali għal negozju b'ħafna riskju bħal ma hu l-potaxx.

(%)

	1994	1995	1996	1997	IP
Rata ta' profitt	– 1,0	– 0,5	1,5	0,1	3,3

Sors: Tweġibiet tal-kwestjonarju ta' l-industrija tal-Komunità.

6.3.8. **Impiegi**

(72) L-impiegi fl-industrija tal-Komunità naqsu minn 8 460 impjegat fl-1994 sa 6 936 impjegat fil-IP, tnaqqis ta' 13,0 %. In-numru ta' impjegati huwa previst li jonqos anke aktar matul l-1999 u l-2000 minħabba l-għeluq previst tal-minjiera Franċiża. Is-sitwazzjni ta' l-impiegi fl-industrija tal-Komunità żviluppat kif ġej:

Persunal impjegat fil-produzzjoni tal-potaxx	1994	1995	1996	1997	IP
Impjegati	8 460	7 919	7 296	7 213	6 936

Sors: Tweġibiet tal-kwestjonarju ta' l-industrija tal-Komunità.

6.3.9. **Ħażniet**

(73) Il-ħażniet ta' l-aħħar tal-produtturi tal-potaxx tal-Komunità naqsu minn 560 000 tunnellata fl-1994 sa 469 000 tunnellata matul il-IP, ekwivalenti għal tnaqqis ta' 16 %. Il-ħażniet ta' l-ħażniet żdiedu kontinwament mill-1994 sa l-1996, Iżda naqsu b'mod sinifikanti fl-1997 biex reġgħu żdiedu b'mod moderat matul l-IP.

Il-ħażniet ta' l-aħħar tal-potaxx fl-industrija tal-Komunità żviluppaw kif ġej:

(f'elf tunnellata metrika)

	1994	1995	1996	1997	IP
Ħażniet ta' l-aħħar	560	614	903	415	469

Sors: Tweġibiet tal-kwestjonarju ta' l-industrija tal-Komunità.

6.3.10. **Investimenti**

(74) L-investimenti totali fl-industrija tal-Komunità naqsu b'madwar ECU 87,7 miljin fl-1994 għal madwar ECU 52,9 miljun fil-IP, nuqqas ta' madwar 40 %. Bejn l-1994 u l-1995 l-investimenti żdiedu minħabba proċess ta' modernizzar tal-minjieri ta' produttur wieħed prinċipali mill-Komunità. Fl-1999 u l-2000 l-industrija tal-Komunità tippjana li terġa' tibda tinvesti aktar u l-livell previst ta' investimenti fl-2000 jista' jeċċedi l-figura ta' l-1996. Wieħed għandu jiftakar ukoll li l-produttur Franċiż, SCPA, kien eskluż mill-istima ta' l-investimenti fl-industrija tal-Komunità għar-raġunijiet stipulati fil-premessa 49. L-investimenti ta' l-industrija tal-Komunità żviluppaw kif ġej:

(f'elf ECU)

	1994	1995	1996	1997	IP
Investimenti	87 722	113 809	84 201	63 908	52 882

Sors: Tweġibiet tal-kwestjonarju ta' l-industrija tal-Komunità.

6.4. VOLUMI TA' IMPORTAZZJONI U PREZZIJIET TA' IMPORTAZZJONI MINN PAJJIŻI TERZI OĦRA

(75) Il-volum ta' importazzjoni ta' potaxx minn pajjiżi terzi oħra żdied matul il-perjodu kkonsidrat minn madwar 1 348 000 tunnellata metrika sa l-1994 sa madwar 1 566 000 tunnellata metrika fil-IP. Dan huwa ekwivalenti għal żieda ta' madwar 16,2 %. Wieħed jista' jattribwixxi l-parti l-kbira taż-żieda għall-importazzjoni mill-Iżrael.

(f'elf tunnellata metrika)

	1994	1995	1996	1997	IP
Importazzjonijiet oħra minn pajjiżi terzi oħra	1 348	1 552	1 495	1 555	1 566

Sors: Eurostat.

(76) Is-sehem tas-suq ta' l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra kiber minn 17,9 % fl-1994 sa 21,0 % fl-1995 u 21,4 % sat-tmiem tal-IP.

(77) Il-prezz medju tal-bejgħ għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra ġie inkluż biex juri t-tendenza tal-prezzijiet matul il-perjodu kkonsidrat. Skond il-Eurostat, il-prezz medju tal-bejgħ għaldawn l-importazzjonijiet żdied b'mod konsistenti minn 112,3 ECU/tunnellata fil-IP. Dan jikkorrispondi għal 16,4 % fil-perjodu kkonsidrat.

Fid-dettall, l-Iżvilupp kien kif ġej:

(f'ECU/tunnellata metrika)

	1994	1995	1996	1997	IP
Importazzjonijiet oħra minn pajjiżi terzi oħra	96,5	101,8	104,3	120,5	112,3

Sors: Eurostat.

6.5. ATTIVITÀ FL-ESPORTAZZJONI TA' L-INDUSTRIJA TAL-KOMUNITÀ

(78) Fl-isfond tal-fatt illi l-produzzjoni stipulata fil-punt 6.3.1 hija destinata bħal bejgħ li jsir sew ġewwa kif ukoll barra l-Komunità, l-esportazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità tal-potaxx f'pajjiżi terzi kienet analizzata ukoll. Dan l-analiżi write li l-esportazzjonijiet ammontaw għal 2 314 000 tunnellata metrika fl-1994 komparati ma' l-1 658 000 tunnellata metrika fil-IP. Dawn l-esprotazzjonijiet kellhom tendenza li jinżlu bl-eċċezzjoni ta' l-1997 meta l-esportazzjonijiet meta mqabbla mas-sena ta' qabel.. It-tnaqqis ġenerali fl-esportazzjonijiet għal 28,3 % fil-perjodu kkonsidrat. Fl-1999 u fl-2000 l-industrija tal-Komunità tistenna li tesporta xi ftit anqas mill-IP. Din it-tendenza 'l isfel x'aktarx tista' tiġI mfissra bil-fatt illi, bħal ma ġie spjegat fil-punt 7.3, il-pajjiżi konċernati żiedu b'mod sinifikanti l-isforzi tal-marketing tagħhom fi swieq barranin oħra barra minn tal-Komunità wara li l-miżuri kontra bejgħ bit-telf li jikkonċerna l-importazzjoni ta' potaxx li joriġina fil-pajjiżi konċernati daħlu fis-seħħ fil-Komunità. Konfrontrati b'kompetizzjoni ħarxa tal-prezzijiet, l-industrija tal-Komunità ma setgħetx tikkonsenja l-istess kwantitajiet ta' potaxx fis-swieq ta' pajjiżi terzi bħal qabel.

Fid-dettall, l-iżvilupp matul il-perjodu kkonsidrat kien kif ġej:

(f'elf tunnellata metrika)

	1994	1995	1996	1997	IP
Volumi ta' bejgħ fl-esportazzjoni fl-industrija tal-Komunità.	2 314	1 815	1 671	1 947	1 658

Sors: Tweġibiet tal-kwestjonarju ta' l-industrija tal-Komunità.

6.6. KONKLUŻJONI

(79) L-evoluzzjoni tad-diversi indikaturi ekonomiċi ta' l-industrija tal-Komunità matu il-perjodu kkonsidrat kienu mħallta. Wara l-imposizzjoni tal-miżuri konġunti (dazju stabbilit u prezz minimu) fl-1994, is-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità tjiebet. Il-fatturi ekonomiċi bħal prezzijiet medji tal-bejgħ kull tunnellata għal grad l-aktar li jinbiegħ, volum ta' ħażniet u profittabilita wrew żvilupp pożittiv.

(80) Fil-fatt, il-medja tal-prezzijiet tal-bejgħ għall-potaxx ta' grad normali b'40 % < K_2O < = 62 % tela' għal 15,6 % matul il-prjodu kkonsidrat. It-tieni, il-volum tal-ħażniet naqas mill-1996: indikazzjoni ta' domanda li qed titjieb fis-suq. It-tielet, wara sentejn ta' telf, il-bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità reġa' ġie bil-qligħ sa mill-1996. Huwa ċar li dan hu minħabba ż-żieda fil-prezzijiet tal-bejgħ, li għamluha possibbli bl-introduzzjoni ta' aktar miżuri effettivi kontra l-bejgħ bit-telf fl-1994.

(81) Minkejja dan, l-analiżi turi wkoll li dawn l-iżviluppi pożittivi ma jkoprux l-indikaturi kollha u li, b'mod partikolari mill-1996 'il quddiem, kien hemm tendenza 'l isfel. B'mod speċifiku, il-volum ta' produzzjoni, l-ammont, kemm jiġi utilizzat mill-ammont, sehem mis-suq, volum ta' bejgħ, impiegi u investimenti ma żviluppawx b'mod favorevoli.

(82) Il-volum tal-bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità naqas b'4,9 % matul il-perjodu kkonsdirat. Il-volum ta' prduzzjoni u ammont naqsu b9,7 % u 7,0 % rispettivament, li jwasslu għal tnaqqis ta' perċentwal ta' 2,2 punti f'kemm jiġi utilizzat mill-ammont. B'żieda ma' dan, l-investimenti ta' l-industrija fil-Komunità naqsu għal 39,7 % fl-istess ħin li kellha tnaqqas l-għadd ta' ħaddiema tagħha bi 18,0 %.

(83) Kif imsemmi qabel, il-konsum tal-potaxx mill-Komunità naqas b'madwar 2,3 %, biex laħaq l-aktar livell baxx fl-1996. L-industrija fil-Komunità tilfet 1,9 % mis-suq tal-Komunità; il-pajjiżi konċernati tilfu 2,4 %, waqt li pajjiżi terzi, b'mod notevoli l-Iżrael, rebaħ 3,4 %. Sa mill-1996, madankollu, l-industrija tal-Komunità tilfet aktar minn 4 % tas-suq tal-Komunità; il-pajjiżi konċernati rebħu 3,5 % waqt li pajjiżi terzi oħra is-sehem baqa' prattikament ma nbidilx. Wieħed jista' jikkonkludi, għalhekk, li l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra ma kellhomx ompatt sinifikanti fis-sitwazzjoni ekonomika ta' l-industrija tal-Komunità bejn l-1996 u tmiem il-IP.

(84) Il-medja tal-prezzijiet ta' l-industrija tal-Komunità u tal-pajjiżi konċernati żdiedet b'majiera simili (b'eċċezzjoni għal potaxx normali b'K_2O > 62 %) kif muri fil-premessi 57 u 69. L-istess japplika għall-pajjiżi terzi oħra. Madankollu, il-prezzijiet mill-pajjiżi konċernati komplew biex ikunu l-anqas, speċjalment għall-potaxx ta' orġini Russa, waqt li influwenzaw b'mod negattiv il-volumi ta' bejgħ, sehem mis-suq u profitabbilita ta' l-industrija tal-Komunità, minkejja l-importazzjonijie tristretti li joriġinaw mit-tliet pajjiżi msemmija.

(85) Finalment, l-impatt dejjem jonqos tal-bejgħ minn esprotazzjoni kien ikkonsidrat. Il-bejgħ mill-esportazzjoni, li rrappreżenta 24 % tal-bejgħ totali mill-industrija tal-Komunità matul il-IP, kien naqas bi 28,3 % matul il-perjodu kkonsidrat minħabba kompetizzjoni ħarxa fis-swieq ta' pajjiżi terzi. Għalkemm dan l-Iżvilupp jista' jispjega parti mill-Iżvilupp negattiv tal-produzzjoni mill-industrija tal-Komunità b'mod partikolari, mhuwiex biżżejjed biex jispjega din it-tendenza ġenerali negattiva.

Bħala konklużjoni, l-investigazzjoni stabbilit li, għalkemm is-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità tjiebet b'xi mod, diversi fatturi ekonomiċi ma żviluppawx tant favorevolment u li l-industrija tal-Komunità tkompli tkun suxxettibbli għal rikorrenza li tista' ssir ta' bejgħ bit-telf li jagħmel il-ħsara jekk il-miżuri jitħallew iċedu.

7. **POSSIBILTA TA' RIKORRENZA TA' ĦSARA**

7.1. SWIEQ LOKALI FIL-PAJJIŻI KONĊERNATI

(86) Il-pajjiżi konċernati jippossjedu riservi kbar ta' materja prima ta' potaxx. Iżda l-konsum domestiku tal-potaxx tal-Belaus u r-Russja waqa' fl-ewwel nofs tas-snin disgħin u baqa' f'livell baxx matul il-perjodu kkonsidrat. Il-bejgħ lokali f'dawn Iż-żewġ pajjiżi żdied b'madwar 6 % fil-IP imqabbel ma' l-1994. Huma xorta rrapreżentaw anqas minn kwart tal-produzzjoni relatata tal-potaxx. Ma hemmx raġuni biex wieħed jemmen illi d-domanda fis-suq lokali kienet żviluppat b'mod differenti fl-Ukrajna.

7.2. ESPORTAZZJONIJIET SKOND IS-SISTEMA TAL-IPR

(87) Analiżi talprezzijiet tal-bejgħ għall-importazzjonijiet skond is-sistema ta' l-IPR saret sabiex teżamina b'liema prezzijiet segħu jsiru l-importazzjonijiet fil-każ li miżuri kontra l-begħ bit-telf jitħallew iċedu. Kif wieħed jista' jara fil-premessa 62, il-prezzijiet ta' l-IPC's fil-Komunità, ikkwotati kważi esklussivament skond is-sistema ta' l-IPR, naqqsu l-prezzijiet ta' l-industrija tal-Komunità b'mod sinifikanti b'medja ta' aktar minn 10 %.

7.3. ESPORTAZZJONIJIET LILL-PAJJIŻI TERZI MILL-PAJJIŻI KONĊERNATI

(88) L-Iżvilupp ta' esprotazzjonijiet tal-pajjiżi konċernati lill-Komunità u tas-sehem tagħhom tas-suq tal-Komunità huwa deskritt fil-punt 6.2

(89) L-iżvilupp tal-volumi ta' esportazzjoni tal-Belarus u r-Russja lil swieq prinċipali eskluża l-Komunità kien analizzat ukoll buq il-bażi tat-tweġiba tal-kwestjonarju u s-sottomissjoni ta' wara tal-IPC. Il-produzzjoni ta' l-Ukrajna ma tinbieġħx permezz ta' l-IPC u l-ebda informazzjoni dwar bejgħ ta' esprotazzjni mill-Ukrajna ma saret disponibbli għar-raġuni illi:-produtturi li jesportaw mill-Ukrajna ma kkoperawx fl-investigazzjoni. Matul il-IP is-suq prinċipali ta' esportazzjoni tal-Belarus u r-Russja kien Iċ-Ċina, fejn l-importazzjonijiet żdiedu b'madwar 37 % matul il-perjodu kkonsidrat. It-tieni l-akbar suq kien il-Brażil, li fil-IP importa madwar 34 tunnellata aktar fl-1994 ta' potaxx mill-Belarus u r-Russja. L-Istati Uniti ta' l-Amerika u n-Norveġja kienu t-tielet u r-raba' suq b'żidiet impressjonanti fil-volumi ta' importazzjoni, kif wieħed jista' jara fit-tabella ta' hawn taħt. Il-Ġappun u swieq oħra Iżgħar fit-total naqsu ftit l-importazzjonijiet tagħhom miż-żewġ pajjiżi matul il-perjodu konċernat.

(90) In-Norveġja, li għandha interess ta' utent sinifikanti iżda bla produtturi ta' potaxx, ma importat ftit li xejn kwantitajiet mill-Belarus u r-Russja fl-1994. La darba l-miżuri kontra bejgħ bit-telf effettivi, konġunti kontra l-potaxx mill-pajjiżi konċernati kienu imposti mill-Komunità, l-esportazzjonijiet ta' Belarus u r-Russja ġew devjati lejn in-Norveġja sal-punt illi s-sehem tas-suq tal-pajjiżi konċernati fin-Norveġja laħaq il-71,3 % [1] fil-IP u l-volumi tal-bejgħ ta' Belarus u r-Russja f'dan il-pajjiż qabeż il-bejgħ totali lejn Komunità sa mill-1995 [2].

(91) It-tabella ta' hawn taħt, bl-indiċi għal raġunijiet ta' kunfidenzalita, turi fid-dettall l-iżvilupp għall-bejgħ mill-esportazzjoni ta' Belarus u r-Russja lil swieq eskluża l-Komunità matul il-perjodu konċernat.

(Indiċi)

Esportazzjoni lill-pajjiżi konċernati lil swieq eskluża il-Komunità	1994	1995	1996	1997	IP
iċ-Ċina	100	167	127	183	187
il-Brażil	100	414	2 535	4 062	3 438
l-USA	100	104	103	157	157
in-Norveġja	100	3 833	5 750	5 383	4 933
il-Ġappun	100	94	78	79	84
Oħrajn	100	74	74	90	96
Total	100	130	137	188	186

Sors: Tweġibiet tal-kwestjonarju ta' l-ICP

(92) Sabiex wieħed ikun jista' jagħti stima ta' l-importanza ta' dawn l-esportazzjonijiet wieħed għandu jinnota li l-esportazzjonijiet ta' dawn il-pajjiżi konċernati għall-Komunità matul il-IP bejn wieħed u ieħor jikkorrispondu għall-esprotazzjonijiet tagħhom għan-Norveġja. B'żieda ma' dan, it-total ta' esprotazzjonijiet tal-pajjiżi konċeranti lil swieq ta' pajjiżi terżi eskluża l-Komunità bejn wieħed u ieħor jikkorrispondu għall-bejgħ totali ta' l-industrija tal-Komunità fis-suq tal-Komunità.

[1] *Sors:* International Fertiliser Industry Association.
[2] *Sors:* IPC questionnaire response.

(93) Paragun tal-prezzijiet tat-tipi kollha tal-potxx fuq bażi ta' konsenja juri li l-prezzijiet tal-bejgħ għan-Norveġja, il-Brażil u l-Ġappun matul il-IP kienu ta' l-ivell ogħla mill-prezziijiet għall-Komunità. Il-livell tal-prezzijiet fiċ-Ċina kien aktar baxx fi snin preċendenti Iżda laħaq il-livell tal-prezzijiet tal-Komunità matul il-IP. Il-prezzijiet ta' esprotazzjoni lill-Istati Uniti ta' l-Amerika baqgħu b'mod sistematiku aktar baxxi mill-prezzijiet għall-Komunità matul il-perjodu kkonsidrat.

7.4. PRODUZZJONI, AMMONT, KEMM L-AMMONT ĠIE UTILIZZAT, ĦAŻNIET U INVESTIMENTI

(94) Waslet informazzjoni rigward l-indikaturi ta' hawn fuq miż-żewġkumpanniji fir-Russja u minn waħda fil-Belarus. Billi l-kumpannii ta' l-Ukrajna ma kkoperawx l-ebda informazzjoni ma kienet disponibbli bl-eċċezzjoni għall-ammont (277 000 tunnellata kull sena) ippubblikata f'rapport riċenti mill-Assoċjazzjoni Internazzjonali għall-Industriji tal-Fertilizzanti.

(95) Kif wieħed jista' jara aktar `l isfel, l-ammont tal-produzzjoni fil-Belarusu r-Russja baqa' konsistenti matul il-perjodu kkonsidrat, li jammonta għal 19 844 000 tunnellata ta' potaxx, li huwa madwar 33 % ta' l-amont dinji u kważi tliet darbiet il-volum tal-Konsum tal-Komunità.

(f'elf tunnellata)

Ammont tal-produzzjoni	1994	1995	1996	1997	IP
Il-Belarus	9 077	9 077	9 077	9 077	9 077
Ir-Russja	10 767	10 767	10 767	10 767	10 767
Total	19844	19844	19844	19844	19844

Sors: Assoċjazzjoni Internazzjonali ta' l-Industriji għall-Fertilizzanti.

(96) Il-Belarus u r-Russja rnexxielhom iżidu l-produzzjoni tagħhom b'39 % matul il-perjodu kkonsidrat. Fit-tabella ta' hawn taħt (indiċjata minħabba raġunijiet ta' kunfidenzalita) turi l-volumi ta' produzzjoni żdiedu relattivament b'mod konsistenti b'korrezzjoni żgħira `l isfel biss fl-1996.

(Indiċi)

Produzzjoni attwali	1994	1995	1996	1997	IP
Il-Belarus	100	111	108	129	138
ir-Russja	100	113	106	137	140
Total	100	112	107	133	139

Sors: Tweġiba tal-kwestjonarju tal-IPC.

(97) Flimkien mal-produzzjoni li qed tiżdied, l-ammont ta' kemm il-produtturi jutilizzaw fil-Belarus u r-Russja tjieb iżda xorta jibqa' f'livell eċċezzjonalment baxx li jħalli ammont konsiderevoli ta' ammont mhux użat. It-tabella ta' hawn taħt (indiċjata minħabba raġunijiet ta' kunfidenzalita) turi li r-rata ta' jemm ġie utilizzat l-ammont mill-produtturi tjieb bi 38 % matul il-perjodu kkonsidrat.

(Indiċi)

Kemm ġie utilizzat l-ammont	1994	1995	1996	1997	IP
Il-Belarus	100	111	109	130	137
ir-Russja	100	116	108	139	142
Total	100	112	107	133	138

Sors: Tweġiba tal-kwestjonarju ta' l-IPC.

(98) Ma ġiet stabbilita l-ebda tendenza għall-ħażniet. B'mod ġenerali l-livelli tal-ħażniet varjaw b'mod sinifikanti matul il-perjodu kkonsidrat. Il-ħażniet tat-tliet produtturi kienu relattivament f'livell baxx fit-tmiem tal-IP.

(99) L-investimenti mill-Belarus u r-Russja fil-minjiri u l-fabbirki tagħhom tal-potaxx żdiedu b'madwar 172 % matul il-perjodu kkonsidrat. It-tendenza ta' tkabbir kienet interrotta darba fl-1996 meta l-livell ta' investimenti niżel, Iżda s-sena ta' wara l-investimenti reġgħu laħqu livell 3,5 darbiet ogħla mill-1996. La darba l-ammont ma żdiedx, huwa possibbli li l-investiment intuża biex jimmodernizza l-faċilitajiet tl-produzzjoni eżistenti.

7.5. KONKLUŻJONI DWAR IL-POSSIBILTA TA' RIPETIZZJONI TA' BEJGĦ F'PAJJIŻ IEĦOR TAĦT IL-PREZZ LI JAGĦMEL IL-ĦSARA

(100) L-informazzjoni disponibli wriet li, għalkemm il-Belarus u r-Russja rnexxielhom li jiddevjaw parti mill-bejgħ tagħhom mis-suq tal-Komunità lejn swieq oħra bħaċ-Ċina u l-Brażil u li jiksbu prezzijiet relattivament favorevoli f'uħud minn dawn is-swieq, l-ammont tal-produzzjoni u r-rati ta' kemm jiġi utilizzat mill-produtturi tal-Belarus u r-Russja komplew ikunu baxxi b'mod eċċezzjonali.

(101) Il-konsum domestiku huma mnaqqas b'mod sinifikanti u bidla f'din is-sitwazzjoni mhijiex mistennija fil-futur previst. B'żieda ma' dan, qligħ possibbli fis-suq tal-Komunità huwa ħafna aktar attraenti minn dak li jista'jinkiseb fis-suq lokali. Dawn l-elementi jindikaw li l-prezzijiet ta' esportazzjoni Belorussa u Russa jistgħu jkunu ħafna aktar baxxi milli kienu fil-IP u jerġa' aktar attraenti mill-esportaturi konċernati.

(102) Is-swieq alternettivi f'pajjiżi 'l bogħod dejjem iħallu qligħ anqas mis-suq tal-Komunità, li, minħabba li huwa fil-qrib, huwa effiċjenti rigward l-ispejjeż biex jintlaħaq bil-bastiment jew bit-tren. B'żieda ma' dan, klijenti fil-Komunità tradizzjonalment Iħallsu għall-merkanzija fi flus u f-termini ta' ħlas iqsar. Wieħed għandu jinnota li għalkemm il-livell tal-prezz f'xi swieq, bħall-Brażil, huwa ogħla mill-Komunità, l-ispejjeż tal-ġarr mill-pajjiżi konċernati għal dawk id-destinazzjonijiet huma ħafna ogħla minn dawk għall-Komunità. Bejgħ għas-suq tal-Komunità jerġa' huwa aktar attraenti meta mqabbel mal-bejgħ lill-Istati Uniti ta' l-Amerika u liċ-Ċina, li, fuq bażi ta' konsenja, irendi prezzijiet aktar baxxi minn dawk lejn il-Komunità. In-Norveġja sservi bħala eżempju ta' pajjiż ta' l-Ewropa tal-Punent li jinsab fil-qrib tal-pajjiżi konċernati u li għandha d-dazji fuq potaxx importat. In-Norveġja issa tinsab kważi dominata kompletament b'importazzjoni mill-pajjiżi konċernati. Dawn l-importazzjonijiet iseħħu bi prezz x'aktar ogħla mill-importazzjonijiet skond is-sistema ta' l-IPR fil-Komunità Iżda xorta anqas minn dawk tal-produtturi tal-Komunità.

(103) Għalhekk, ir-riservi kbar ta' materja prima, l-utilizzazzjoni ta' ammont baxx, is-sitwazzjoni lokali żvantaġġuża f'termini ta' konsum, il-prez ogħla tal-ġarr għal swieq alternattivi, il-ħtieġa għall-flus u s-sitwazzjoni preżenti tas-suq fin-Norveġja juru li l-potenzal ta' esprotazzjoni għall-pajjiżi konċernati għall-Komunità bi prezzijiet baxxi huwa ogħli ħafna u li, fl-assenza ta' miżuri, hemm il-possibbilta li jerġa' jseħħ bejgħ bit-telf li jagħmel il-ħsara.

(104) Fejn tikkonċerna lill-Ukrajna l-ebda informazzjoni ma kienet disponibbli għar-raġuni li dak il-pajjiż ma kkoperax. Skond l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, il-fatti disponibbli kellhom jintużaw f'dawn iċ-ċirkustanzi. F'dan ir-rigward instab li l-industrija tal-otaxx ta' l-Ukrajna għandha rabtiet ekonomiċi mill-qrib ma' l-industrija Belorussa u Russa. Ġie ppruvat li fil-punt 4.4. hemm il-possibbilita li jerġa' jseħħ bejgħ bit-telf f'volumi sinifikanti. M'hemm l-ebda dubju li dawn l-importazzjonijiet, li jkunu f'kompetizzjoni diretta ma dawk mill-Belarus u r-Russja, ikollhom impatt ta' ħsara fuq l-industrija tal-Komunità. Wieħed jikkonkludi għalhekk illi, rigward l-importazzjonijiet li joriġinaw mill-Ukrajna, hemm possibiltà li jerġa' jseħħ bejgħ bit-telf li jkun ta' ħsara jekk il-miżuri jċedu.

(105) Wieħed għalhekk jikkonkludi li, fl-assenza ta' miżuri, hemm possibilta li jerġa' jseħħ bejgħ taħt il-prezz li jkun ta' ħsara u li l-miżuri kontra l-begħ taħt il-prezz għandu għalhekk ikun ristrett.

8 . L-INTERESS TAL-KOMUNITÀ

8.1. INTRODUZZJONI

(106) Skond l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk prolongament tal-miżuri kontral l-bejgħ eżistenti jmurx kontra l-interess tal-Komunità in ġenerali. L-interess tal-Komunità kien stabbilit billi ġie bbażat fuq evalwazzjoni ta' l-interssi diversi kollha, bħal dawk ta' l-industrija tal-Komunità, l-importaturi u l-utenti tal-prodott konċernat. Sabiex jiġi evalwat l-impatt li jista' jkun henn mill-kontinwazzjoni tal-miżuri, intalbet informazzjoni mill-artijiet interessati kollha msemmija qabel.

(107) Wieħed għandu jiftakar li, f'investigazzjonijiet preċedenti, l-adozzjoni u l-manutenzjoni tal-miżuri kienet ikkonsidrata li mhijiet kontra l-interess tal-Komunità. B'żieda ma' dan, wieħed għandu jinnota li l-investigazzjoni preżenti hija evalwazzjoni, hekk li tanalizza sitwazzjoni li fiha miżuri kontra l-bejgħ taħt il-prezz diġà kienu fis-seħħ. Konsegwentement, Iż-żmien u n-natura ta' l-investigazzjoni preżenti tippermetti l-evalwazzjoni ta' kull impatt negattiv u mhux adattat tal-miżuri kontra l-bejgħ taħt il-prezz imposti fuq il-partijiet konċernati.

(108) Intbagħtu kwestjonarji lil 17 importatur/utent, li minnhom wieġbu seba' importaturi/utenti mhux relatati u tejn relatati. L-importaturi u utenti rċivew l-istess kwestjonarju billi ħafna minnhom jaġixxu f'żewġ rwoli. B'żieda ma' dan, inbagħtu kwestjonarji lil tliet organizzazzjonijiet importaturi/utenti: L-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Importazzjoni ta' Fertilizzanti (AEIF), l-Assoċjazzjoni Ewropea ta' Manifatturi ta' Fertilizzanti (EFMA) u COPA/Cosega. Madankollu, l-AEIF biss wieġbet il-kwestjonarju.

(109) Fuq din il-bażi kien eżaminat jekk, minkejja dak li nstab fuq bejgħ taħt il-prezz, ħsara u kontinwazzjoni jew li jerġa' jseħħ bejgħ taħt il-prezz, kienx hemm raġunijiet qawwija li jwasslu għall-konklużjoni li mhuwiex l-interess tal-Komunità biex jitkomplew il-miżuri f'dan il-każ partikolari.

8.2. INTERESSI TA' L-INDUSTRIJA TAL-KOMUNITÀ

(110) Kif stipulat hawn fuq, wieħed jikkonsidra illi, jekk il-miżuri kontra l-bejgħ taħt il-prezz jitħallew jiskadu, l-importazzjonijiet tal-bejgħ taħt il-prezz destinati biex jiċċirkolaw liberament fis-suq tal-Komunità possibilment jistgħu jerġgħu jseħħu u li s-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità terġa' tibda tiddeterjora mill-qagħda ta' profitt moderat preżenti tagħha.

(111) Dan iġib miegħu tnaqqis drastiku fl-għadd ta' impjegati flimkien mat-tnaqqis li jseħħ bħala riżultat ta' l-għeluq 'il quddiem tal-produttur tal-Komunità Franċiża.

(112) B'żieda ma' dan, għalkemm il-produzzjoni tal-potaxx fi Franza tieqaf, l-isforzi ta' ristrutturar li għaddejjin u l-pjani juru li l-industrija tal-Komunità għadha mhijiex lesta biex titlaq dan is-settur ta' produzzjoni. Li jkomplu bil-miżuri kontra l-bejgħ taħt il-prezz huwa għalhekk ta' interess primarju għall-industrija tal-Komunità.

8.3. INTERESSI TA' L-IMPORTATURI/NEGOZJANTI

(113) Tnejn minn seba' kumpanniji li wieġbu għall-kwestjonarju ta' l-importaturi/utenti jinnegozjaw biss il-prodott. Il-ħames li fadal huma wkoll utenti tiegħu. L-argumenti prinċipali mill-posizzjoni tan-negozjanti ngħataw fit-tweġiba mill-kwestjonarju ta' l-AEIF.

(114) L-importaturi tal-potaxx huma kontra t-tkomplija tal-miżuri kontra l-bejgħ taħt il-prezz. Huma jargumentaw li l-arranġament tad-dazju stabbilit u l-anqas prezz kompletament eskludew lill-produtturi tal-pajjiżi konċernati mis-suq tal-Komunità, hekk li jnaqqas il-kompetizzjoni fil-Komunità għall-anqas livell. Bħala riżultat, huma affermaw, il-prezz tal-potaxx fis-suq tal-Komunità ġie artifiċjalment għoli u d-disponibiltà ta' potaxx importat hija diffiċli speċjalment għan-negozjanti żgħar.

(115) Waqt li huwa veru li, apparti milli l-importazzjonijiet skond is-sistema ta' l-IPR, potaxx mill-pajjiżi konċernati prattikament ġie eskluż mis-suq tal-Komunità, importazzjonijiet mill-Kanada, l-Iżrael, il-Ġordan u minn ftit pajjiżi iżgħar li jesprotaw, taw garanzija għall-kompetizzjoni fis-suq tal-Komunità. Ma nstabet l-ebda xhieda rappreżentattiva dwar id-disponibbiltà diffiċli li allegaw dwarha n-negozjanti ta' potaxx importat. F'kull każ il-miżuri proposti jieħdu forma differenti minn dawk preżentement evalwati u saru bl-iskop li jżidu d-disponibbiltà fis-suq tal-Komunità għall-importazzjonijiet mill-pajjiżi konċernati.

(116) Wieħed jikkonkludi li l-qligħ ta' dawk l-importaturi li huma purament negozjanti tal-potaxx ma ntlaqatx b'mod negattiv mill-imposizzjoni tal-miżuri kontra l-bejgħ bit-telf. Huwa possibbli wkoll li tkomplija tal-miżuri f'forma differenti tkun twassal għal deterjorament futura fil-qligħ tagħhom.

8.4. INTERESSI TA' L-UTENTI

(117) L-utenti diretti tal-potaxx bħala fertilizzant (bdiewa) ma wrewx il-posizzjoni tagħhom, għalkemm l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi rċivewh il-kwesjonarju. Għalhekk, wieħed għandu jikkonkludi li t-tkomplija tad-dizji kontra l-bejgħ taħt il-prezz ma tagħmilx differenza kbira għall-bdiewa.

(118) Il-ħames utenti li ma weġbux għall-kwestjoanrju huma kollha produtturi ta' fertilizzanti li jixtru l-potaxx mill-industrija tal-Komunità u jimportawh ukoll minn pajjiżi terzi. Minn għadhom il-potxx huwa materja prima biex jimmanifatturaw fertilizzanti komposti li tipikament jikkonsistu fi tliet nutrijenti differenti: nitroġenu, fosfru u potassa (fertilizzanti NPK).

(119) Il-biċċa l-kbira ta' utenti, waqt li huma wkoll importaturi, saħqu bl-istess mod kontra t-tkomplija tal-miżuri kif imfisser aktar qabel fil-punt 3.3 "Interessi ta' importaturi/negozjanti". Madankollu, utent wieħed importanti ddikjara illi l-miżuri kontra l-bejgħ taħt il-prezz ħolqu ċerta stabbilità fil-prezzijiet fis-suq tal-potaxx tal-Komunità, li kien ta' ġid għall-attività tiegħu.

(120) L-utenti ftit għandhom flessibilita rigward it-taħlita tal-prodott tagħhom kull meta jkun applikat dazju kontra l-bejgħ taħt il-prezz għal wieħed mill-komponenti tal-fertilizzanti. Billi l-produtturi tal-fertilizzanti li jikkompetu f'pajjiżi terzi ma jħallsux dazju fuq il-potaxx tagħhom, il-produtturi tal-fertilizzanti tal-Komunità jsostnu li ma jistgħux jikkompetu mal-prezzijiet tal-prodott finali offrut mill-kompetituri barranin tagħhom. Fis-suq ta' l-esportazzjoni s-sitwazzjoni hija kompeltament differenti: hemmhekk il-produtturi tal-fertilizzanti tal-Komunità jistgħu jkunu kompetittivi minħabba l-possibilta li jimportaw skond is-sistema ta' l-IPR.

(121) Bi tweġiba għad dawn l-allegazzjonijiet l-investigazzjoni wriet li l-potaxx jirrappreżenta madwar 15 % sa 30 % ta' l-ispiża totali tal-fertilizzant kompost. L-ispejjeż tal-prodott tal-fertilizzant żdiedu matul il-perjodu kkonsidrat mhux biss għaliex il-potaxx iżda għal diversi raġunijiet. Ġie stabbilit li l-livelli tal-prezzijiet ta' komponenti oħra ta' fertilizzanti, speċjalment in-nitroġenu, varjaw b'mod sinifikanti matul il-perjodu kkonsidrat. F'eżempju partikolari, is-sehem tal-potaxx fiż-żieda tal-prezz totali tal-prodott finali kien ikkalkolat li jkun ta' 20 % matul il-perjodu kkonsidrat.

(122) Għalkemm wieħed ikollu jirrikonoxxi li s-sitwazzjoni ta' l-ispiża ta' l-utenti tal-potaxx fil-Komunità fis-suq tal-Komunità ddeterjorat minn meta ġew imposti l-miżuri, l-effett tal-prezzijiet tal-potaxx fuq l-ispejjeż tal-produzzjoni totali tagħhom ftit hemm probabiltà li jipperikola l-eżistenza tagħhom. La darba l-miżuri ilhom iseħħu għal seba' snin issa, wieħed jista' jikkonkludi li l-kontinwazzjoni tagħhom ma timplikax aktar deterjorazzjoni fis-sitwazzjoni ta' l-utenti.

8.5. KONSEGWENZI GĦALL-KOMPETIZZJONI FIS-SUQ TAL-KOMUNITÀ

(123) Bħal ma ntqal qabel, il-miżuri fil-forma preżenti tagħhom prattikament eskludew il-potaxx mill-pajjiżi konċernati, apparti mill-importazzjonijiet skond is-sistema ta' l-IPR. Ukoll f'dan il-perjodu ta' żmien, wieħed għandu jiftakar li l-importaturi u l-utenti dejjem gawdew il-preżenza ta' għadd ta' kompetituri – ibbażi fil-Kuminità u pajjiżi terzi - fis-suq. Madankollu, tressqu l-argumenti li, minkejja din il-preżenza, il-forma ta' miżuri preżenti, b'mod partikolari l-element ta' l-anqas prezz, laqat lis-suq b'mod li fixkel il-kompetizzjoni. Filwaqt li l-ebda indikazzjoni rigward dan l-aspett ma kienet disponibbli mal-kors ta' l-investigazzjoni, instab li, permezz ta' l-imposizzjoni ta' miżuri fil-forma preżenti, sorsi prinċipali ta' provvista prattikament ġew eskluži mis-suq tal-Komunità. Wieħed jiftakar li din l-esklużjoni attwali ma kinitx l-iskop tal-miżuri flimkien (prezz minimu u dazju speċifiku), li l-iskop kien biss li jevadux u ma jnaqqsux id-dazji oriġinali.

8.6. KONKLUŻJONI FUQ L-INTERESS TAL-KOMUNITÀ

(124) Wara li wieħed analizza d-diversi interessi involuti, huwa kkonsidrat li, mill-banda l-oħra, it-tkomplija tal-miżuri kontra l-bejgħ bit-telf jista' jirriżulta fi prezz stabbli għall-potaxx fis-suq tal-Komunità, li jinkludi xi effetti negattivi fis-sitwazzjoni ekonomika ta' utenti tal-potaxx. Mill-banda l-oħra, li tħalli lill-industrija tal-Komunità mingħajr protezzjoni adekwata kontra importazzjonijiet ta' bejgħ taħt il-prezz probabbilment tikkanċella l-profittabilita diġa żgħira u twassal għal aktar problemi serji milli l-industrija għall-utent tista' possibilment issofri. Għalhekk, l-iżvantaġġ fil-prezz li jkun jiriżulta għall-utenti mit-tkomplija tal-miżuri kontra l-bejgħ bit-telf jintrebaħ mill-benefiċċji lill-Komuita li jirriżultaw mill-prevenzjoni li jerġa' jseħħ bejgħ bit-telf li jġib il-ħsara.

(125) Madankollu, la darba l-forma preżenti tal-miżuri kontra l-bejgħ bit-telf kellha l-effett li prattikament teskludi importazzjonijiet tal-prodott konċernat, eskluži dawk maħsuba biex ikunu proċessati lokalment, u bħala konsegwenza li telimina sors sinifikanti tal-provvista fis-suq, wieħed jikkonkludi li ma hemmx raġunijiet li ma tistax tirrifjutahom kontra l-estensjoni tal-miżuri eżistentki kontra l-bejgħ taħt il-prezz, iżda li huwa fl-interess tal-Komunità li tibdel il-forma ta' miżuri kif spjegati aktar 'l isfel.

9. **MIŻURI DEFINITTIVI KONTRA L-BEJGĦ TAĦT IL-PREZZ**

(126) Wieħed jislet l-argument minn dawn li ntqal qabel li, kif hemm provdut bl-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku (li jirregola t-talba għal evalwazzjoni ppreżentata mill-industrija tal-Komunità) u l-Artikolu 11(3) (applikabbli għall-evalwazzjoni temporanja mibdija mill-Kummissjoni fuq l-inizjattiva tagħha iżda limitata għall-forma tal-miżuri), il-miżuri fuq importazzjonijiet ta' kloridju tal-potassa li joriġina fil-Belarus, ir-Russja u l-Ukrajna imposti bir-Regolament (KEE) Nru. 3068/92 għandhom jibqgħu fis-seħħ.

(127) wieħed għandu jiftakar li l-forma preżenti tal-miżuri, jiġifieri l-assoċjazzjoni ta' prezz minimu u dazju speċifikat, imdaħħla bir-Regolament (KE) Nru 643/94. Din il-forma ta' miżura ntgħażlet fl-isfond ta' sitwazzjoni partikolari li pprevaliet dak iż-żmien. Fil-fatt kien hemm indikazzjoni qawwija li jevadu dan it-tip ta' dazju kontra l-bejgħ bit-telf li fil-bidu kien impost, jiġifieri dazju li jvarja bbażat fuq prezz minimu. L-investigazzjoni preżenti write li din il-forma partikolari ta' miżuri mhijiex aktar mitluba għaliex huwa kkonsidrat diffiċli li l-pajjiżi konċernati jbaxxu l-prezzijiet ta' importazzjoni tagħhom u hekk inaqqsu d-dazju stipulat. L-investigazzjoni wriet ukoll, kif imfisser fil-punt 3.6, li, sabiex tippermetti li sorsi prospettivi ta' provvisti li joperaw fis-suq tal-Komunità, mhuwiex fl-interess tal-Komunità li jkomplu bil-miżuri fil-forma preżenti tagħhom. għalhekk wieħedjikkonsidrah bħala att xieraq li jemenda l-forma tal-miżuri billi jelimina l-komponent ta' l-anqas prezz waqt li jżomm l-element tad-dazju stipulat.

(128) Finalment, wieħed għandu jinnota li l-Kummissjoni rċeviet ukoll proposti għal ħidma mill-ICP, skond l-Artikolu 8 tar-Regolament bażiku. Dawn il-proposti kienu eżaminati bir-reqqa u kkonkludew li, fl-assenza ta' garanziji suffiċjenti mill-esportatur u l-Gvern Russu, dawn jistgħu jkunu monitorjati jew inforzati b'mod effettiv u li b'żieda ma' dan ir-riskju ta' ffissar ta-prezzijiet obbligatorju tal-prodott konċernat importat fil-Komunità skond is-sistema ta' l-IPR ma jistax jiġI eskluż. Il-Kummssjoni ma kinetx għalhekk, sodisfatta li l-offerti ta' ħidma fuq il-prezzijiet tkun tiggarantixxi l-prevenzjoni ta' effetti ta' ħsara fuq il-bejgħ taħt il-prezz. L-offerti kienu għalhekk rifjutati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 3068/92 jiġi hawnhekk mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

1. Dazju definittiv kontra l-bejgħ bit-telf minn esportaturi huwa b'dan impost fuq il-kloridju tal-potassa fil-Kodiċi NM 3104 20 10, 3104 20 50, 3104 20 90 u fuq tħlitiet speċjali skond il-kodiċi NM ex 3105 20 10, ex 3105 20 90, ex 3105 60 90 , ex 3105 90 91, ex 3105 90 99 li joriġinaw mill-Belarus, mir-Russja u mill-Ukrajna.

2. Għall-fini tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu l-kloridju ta' potassa għandu jkun jew kloridju tal-potassa li ma jkunx fih l-ebda elementi ta' fetilizzanti addizzjonali jew kloridju tal-potassa li jkun fih elementi addizzjonali fertilizzanti f'taħlitiet speċjali. Għall-fini ta' l-applikazzjoni tad-dazju kontra l-bejgħ bit-telf minn esportaturi, taħlita speċjali bħala mistura ta' tnejn jew aktar ta' elementi fertilizzanti. Din it-taħlita hija soġġetta għal dazju kontra l-bejgħ taħt il-prezz jekk il-kontenut ta' K2) tat-taħlita jew mistura huwa ta' 35 % jew aktar, bil-piż, tal-prodott niexef mingħajr ilma. Dan il-prodott għandu jaqa' skond il-grad 'ieħor li mhux standard'

3. L-ammont ta' dazju għandu jkun ugwali għall-ammont stabbilit f'ewro kull tunnellata metrikata' KCl muri hawn taħt skond il-kategorija u grad (grad normali għandu jiftiehem bħala potaxx f'forma ta' trab):

Il-Belarus

Kloridju talpotassa li ma jkunx fih l-ebda elementi fertilizzanti addizzjonali:

Kategorija	B'kontenut ta' potassa evalwata bħala K_2O, bil-piż, li ma jeċċedix 40 % fuq il-prodott niexef mingħajr ilma		B'kontenut ta' potassa evalwata bħala K_2O, bil-piż, li ma jeċċedix 40 % iżda li ma jeċċedix is-62 % fuq il-prodott niexef mingħajr ilma		B'kontenut ta' potassa evalwat bħala K_2O, bil-piż, li jeċċedi, 62 % tal-prodott niexef mingħajr ilma
Grad	Normali/Standard	Eskluż dak normali (inkluż granulat)	Normali/Standard	Eskluż dak normali (inkluż granulat)	
Kodiċi TARIK	3104 20 10 10	3104 20 10 90	3104 20 50 10	3104 20 50 90	3104 20 90 00
Ammont stabbilit (EUR/tunnellata metrika)	19,51	30,84	29,51	46,65	48,19

Kloridju tal-potassa li jkun fih elementi fertilizzanti addizzjonali f'taħlitiet speċjali:

	B'kontenut ta' potassa evalwat bħala K_2O, bil-piż, ugwali jew li ma jeċċedix l-40 % fuq il-prodott niexef mingħajr ilma	B'kontenut ta' potassa evalwat bħala K_2O, bil-piż, iżda ugwali jew li ma jeċċedix it-62 % fuq il-prodott niexef mingħajr ilma
Kodiċi TARIK	3105 20 10 10, 3105 20 90 10, 3105 60 90 10, 3105 90 91 10, 3105 90 99 10	
Ammont stabbilit (EUR/tunnellata metrika)	30,84	46,65

Ir-Russja

Kloridju tal-potassa li ma jkunx fih l-ebda elementi fertilizzanti addizzjonali:

Kategorija	B'kontenut ta' potassa evalwata bħala K_2O, bil-piż, li ma jeċċedix 40 % fuq il-prodott niexef mingħajr ilma		B'kontenut ta' potassa evalwata bħala K_2O, bil-piż, li ma jeċċedix l-40 % iżda li ma jeċċedix is-62 % fuq il-prodott niexef mingħajr ilma		B'kontenut ta' potassa evalwat bħala K_2O, bil- piż, li jeċċedi 62 % tal-prodott niexef mingħajr ilma
Grad	Normali/Standard	Eskluż dak normali (inkluż granulat)	Normali/Standard	Eskluż dak normali (inkluż granulat)	
Kodiċi TARIK	3104 20 10 10	3104 20 10 90	3104 20 50 10	3104 20 50 90	3104 20 90 00
Ammont stabbilit (EUR/tunnellata metrika)	19,61	26,01	29,65	39,33	40,63

Kloridju talpotassa li jkun fih elementi fertilizzanti addizzjonali f'taħlitiet speċjali:

	B'kontenut ta' potassa evalwat bħala K_2O, bil-piż, ugwali jew li ma jeċċedix il-35 % fuq il-prodott niexef mingħajr ilma	B'kontenut ta' potassa evalwat bħala K_2O, bil-piż, li jeċċedi l-40 % iżda ugwali għal jew li ma li ma jeċċedix it-62 % fuq il-prodott niexef mingħajr ilma
Kodiċi TARIK	3105 20 10 10, 3105 20 90 10, 3105 60 90 10, 3105 90 91 10, 3105 90 99 10	
Ammont stabbilit (EUR/tunnellata metrika)	26,01	39,33

L-Ukrajna

Kloridju tal-potassa li ma jkunx fih l-ebda elementi fertilizzanti addizzjonali:

Kategorija	B'kontenut ta' potassa evalwat bħala K_2O, bil-piż, li ma jeċċedix l-40 % fuq il-prodott niexef mingħajr ilma		B'kontenut ta' potassa evalwata bħala K_2O, bil-piż, li jeċċedi l-40 % iżda li ma jeċċedix it-62 % tal-prodott niexef mingħajr ilma		B'kontenut ta' potassa evalwat bħala K_2O, bil-piż, li jeċċedi 62 % tal-prodott niexef mingħajr ilma
Grad	Normali/Standard	Eskluż dak Normali/ Standard (inkluż granulat)	Normali/Standard	Eskluż dak Normali/ Standard (inkluż granulat)	
Kodiċi TARIK	3104 20 10 10	3104 20 10 90	3104 20 50 10	3104 20 50 90	3104 20 90 00
Ammont stabbilit (EUR/tunnellata metrika)	19,61	30,84	29,65	46,65	48,19

Kloridju tal-potassa li jkun fih elementi fertilizzanti addizzjonali f'taħlitiet speċjali:

	B'kontenut ta' potassa evalwat bħala K_2O, bil-piż, ugwali jew li jeċċedi il-35 % iżda li ma jeċċedix l-40 % fuq il-prodott niexef mingħajr ilma	B'kontenut ta' potassa evalwat bħala K_2O, bil-piż, li jeċċedi l-40 % iżda ugwali għal jew li ma li ma jeċċedix it-62 % fuq il-prodott niexef mingħajr ilma
Kodiċi TARIK	3105 20 10 10, 3105 20 90 10, 3105 60 90 10, 3105 90 91 10, 3105 90 99 10	
Ammont stabbilit (EUR/tunnellata)	30,84	46,65

4. F'każi fejn il-merkanzija tkun ġarrbet ħsara qabel ma tidħol fiċ-ċirkolazzjoni u, għalhekk, il-prezz attwalment imħallas jew li għandu jitħallas jinqasam biex jiġI stabbilit mill-valur tad-dwana skond l-Artikolu 145 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93, l-ammont ta' dazju kontra l-bejgħ bit-telf mill-esportaturi, ikkalkolat fuq il-bażi ta' ammonti stabbiliti stipulati aktar qabel, għandhom jitnaqqsu b'perċentwal li jikkorrispondi għall-qrib kondiviż attwalment imħallas jew li jkun irid jitħallas.

5. Id-disposizzjonijiet fis-seħħ rigward id-dazji tad-dwana għandhom japplikaw".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-8 Mejju 2000.

F'isem il-Kunsill

Il-President

J. PINA MOURA